ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 238

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

5 ta' Settembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 869/2008 ta' l-4 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .................. 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 870/2008 ta' l-4 ta' Settembru 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur tazzokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008 .............. 3

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2008/713/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Lulju 2008 dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit** 5

**Kummissjoni**

2008/714/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Diċembru 2004 li temenda d-Deċiżjoni 2002/610/KE dwar l-iskema ta' għajnuna li Franza biħsiebha timplimenta bil-għan li jinfetħu linji ġodda tat-trasport marittimu għal distanzi qosra** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2004) 4519)* [1]........ 7

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2008/715/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2008 dwar għajnuna mill-Istat (il-Ġermanja) f'forma eżenzjoni mit-taxxa fuq iż-żejt minerali għall-intrapriżi tas-serer** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 860)* . . . . . . . . 10

2008/716/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat C 38/07 (ex NN 45/07) implimentata minn Franza favur d'Arbel Fauvet Rail SA** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1089)* (1) . . . . . . . . 27

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 869/2008

### ta’ l-4 ta’ Settembru 2008

### li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta’ l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta’ l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta’ Settembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta’ Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 21,7 |
| | ZZ | 21,7 |
| 0707 00 05 | JO | 156,8 |
| | MK | 64,6 |
| | TR | 89,6 |
| | ZZ | 103,7 |
| 0709 90 70 | TR | 96,0 |
| | ZZ | 96,0 |
| 0805 50 10 | AR | 58,8 |
| | UY | 74,4 |
| | ZA | 74,5 |
| | ZZ | 69,2 |
| 0806 10 10 | IL | 235,4 |
| | TR | 106,8 |
| | US | 188,9 |
| | XS | 61,0 |
| | ZZ | 148,0 |
| 0808 10 80 | BR | 55,2 |
| | CL | 100,7 |
| | CN | 111,7 |
| | NZ | 99,3 |
| | US | 95,3 |
| | ZA | 81,2 |
| | ZZ | 90,6 |
| 0808 20 50 | AR | 123,5 |
| | CN | 60,9 |
| | TR | 138,1 |
| | ZA | 92,9 |
| | ZZ | 103,9 |
| 0809 30 | TR | 133,7 |
| | US | 166,3 |
| | XS | 61,2 |
| | ZZ | 120,4 |
| 0809 40 05 | IL | 137,9 |
| | MK | 53,9 |
| | TR | 53,9 |
| | XS | 53,4 |
| | ZZ | 74,8 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 870/2008

## ta' l-4 ta' Settembru 2008

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kummerċ mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2007/2008 ġew stabbiliti mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1109/2007 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 842/2008 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha fi jdejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1109/2007 għas-sena tas-suq 2007/2008, huma mmodifikati, u jinsabu fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Settembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Settembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 253, 28.9.2007, p. 5.
([4]) ĠU L 229, 28.8.2008, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti tal-kodiċi NM 1702 90 95 applikabbli mill-5 ta’ Settembru 2008 ’l quddiem**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 24,91 | 3,84 |
| 1701 11 90 (1) | 24,91 | 9,08 |
| 1701 12 10 (1) | 24,91 | 3,68 |
| 1701 12 90 (1) | 24,91 | 8,65 |
| 1701 91 00 (2) | 26,80 | 11,83 |
| 1701 99 10 (2) | 26,80 | 7,31 |
| 1701 99 90 (2) | 26,80 | 7,31 |
| 1702 90 95 (3) | 0,27 | 0,38 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 (ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1).
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness I, punt II tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sakkarożju.

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**ta' l-24 ta' Lulju 2008**

**dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit**

(2008/713/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 104(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet li saru mir-Renju Unit,

Billi:

(1) L-Artikolu 104 tat-Trattat ifassal proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (EDP) biex jiżgura li l-Istati Membri jevitaw żbilanċi eċċessivi tal-gvern jew li jikkoreġu dawn l-iżbilanċi meta jiġru.

(2) Skond il-punt 5 tal-Protokoll fuq ċerti dispożizzjonijiet li jirrigwardaw ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq, l-obbligu skond l-Artikolu 104(1) tat-Trattat li jiġu evitati żbilanċi eċċessivi ma japplikax għar-Renju Unit sakemm ma jipparteċipax fit-tielet stadju ta' l-unjoni ekonomika u monetarja. Waqt li jkun fit-tieni stadju ta' unjoni ekonomika u monetarja, ir-Renju Unit għandu jagħmel ħiltu biex jevita żbilanċi eċċessivi, skond l-Artikolu 116(4) tat-Trattat.

(3) Il-Patt ta' Stabilità u Tkabbir huwa msejjes fuq l-għan ta' finanzi sodi tal-gvern bħala mezz biex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabilità tal-prezzijiet u għal tkabbir sostenibbli qawwi li jwassal għall-ħolqien ta' l-impjiegi.

(4) Il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv skond l-Artikolu 104 tat-Trattat, kif iċċarata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv ([1]), li tagħmel parti mill-Patt ta' Stabilità u Tkabbir, jistabbilixxi deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv. Il-Protokoll dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat jistipula dispożizzjonijiet ulterjuri relatati ma' l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3605/93 ([2]) jistabbilixxi definizzjonijiet u regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan il-Protokoll.

(5) L-Artikolu 104(5) tat-Trattat jitlob lill-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti żbilanċ eċċessiv fi Stat Membru jew li jista' jiġri li jkun hemm. Wara li qieset ir-rapport tagħha skond l-Artikolu 104(3) tat-Trattat u wara li qieset l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skond l-Artikolu 104(4), il-Kummissjoni kkonkludiet li jeżisti żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni għalhekk indirizzat opinjoni ta' din ix-xorta lill-Kunsill fir-rigward tar-Renju Unit fit-2 ta' Lulju 2008.

(6) L-Artikolu 104(6) tat-Trattat jgħid li l-Kunsill għandu jikkunsidra kwalunkwe osservazzjonijiet li l-Istat Membru kkonċernat jixtieq li jagħmel qabel ma jiddeċiedi, wara valutazzjoni globali, jeżistix żbilanċ eċċessiv. Fil-każ tar-Renju Unit, din il-valutazzjoni ġenerali twassal għall-konklużjonijiet li ġejjin.

([1]) ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6.
([2]) ĠU L 332, 31.12.1993, p. 7.

(7) Ir-Renju Unit għamel sforzi fiskali qawwija matul tmiem is-snin disgħin. Minn hemm 'il quddiem, il-gvern adotta pożizzjoni fiskali iktar laxka, l-iktar minħabba għan politiku espliċitu li jiżdied l-infiq fuq is-servizzi pubbliċi. Minħabba f'hekk, il-bilanċ tal-gvern ġenerali mar minn qagħda ta' bilanċ fi tmiem is-snin disgħin għal żbilanċ ta' 3,2 % tal-PGD fl-2003/04 u 3,5 % fl-2004/05. Bid-diskrepanza fil-produzzjoni tibqa' pożittiva matul dan il-perjodu, dan kien l-ekwivalenti ta' deterjorament tal-bilanċ strutturali b'4¾ punti perċentwali tal-PGD [1] bejn l-1999/2000 u l-2004/05. Fil-21 ta' Settembru 2005 il-Kummissjoni nediet EDP għar-Renju Unit bl-adozzjoni ta' rapport skond l-Artikolu 104.3 tat-Trattat, u fl-24 ta' Jannar 2006 l-Kunsill iddeċieda li kien jeżisti żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit. Il-qagħda baġitarja tjiebet fl-2005/06 u fl-2006/07, bl-iżbilanċ nominali fis-sena ta' wara jaqa' għal 2,6 % tal-PGD. Fit-12 ta' Settembru 2007, meta jitqies ir-riżultat ta' żbilanċ fl-2006/07 u t-tbassir tar-rebbiegħa 2007, il-Kummissjoni adottat rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-Kunsill li tħassar l-EDP kontra r-Renju Unit. Fid-9 ta' Ottubru 2007, l-ECOFIN iddeċieda li jirrevoka l-EDP skond l-Artikolu 104.12 tat-Trattat.

(8) Skond id-dejta ta' l-EDP notifikata mill-awtoritajiet tar-Renju Unit f'Marzu 2008, l-iżbilanċ tal-gvern ġenerali tar-Renju Unit fl-2008/09 kien ippjanat li jlaħħaq it-3,2 % tal-PGD, b'hekk jaqbeż it-3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD; dan il-proporzjon kien identiku għal dak ippubblikat fil-baġit tar-Renju Unit ta' Marzu 2008, li ppreżenta wkoll pjanijiet baġitarji li juru żbilanċ tal-gvern ġenerali ta' 2,8 % tal-PGD fl-2009/10. Iċ-ċifra ta' l-iżbilanċ fis-sena msemmija l-aħħar hija iktar baxxa miċ-ċifra korrispondenti fit-tbassir tar-rebbiegħa tas-servizzi tal-Kummissjoni ta' 3,3 % tal-PGD, l-iktar minħabba differenzi fit-tkabbir mistenni tal-PGD fl-2009/10. Wara l-pubblikazzjoni tal-baġit ta' Marzu 2008, stqarrija ta' linja politika fit-13 ta' Mejju li tnaqqas it-taxxa fuq id-dħul personali fl-2008/09, ser tiswa GBP 2,7 biljun fl-2008/09. Iż-żieda ta' dan mal-previżjonijiet tar-Rebbiegħa 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni timplika defiċit ta' 3,5 % tal-PGD. Għalkemm l-iżbilanċ ippjanat għall-2008/09 huwa ta' iktar mill-valur ta' referenza tat-Trattat ta' 3 % tal-PGD, kif notifikat f'Marzu 2008, huwa kien qrib. L-eċċess ogħla mill-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PGD ma kienx eċċezzjonali fis-sens ta' l-Artikolu 104(2) tat-Trattat. B'mod partikolari, huwa ma jirriżultax minn avveniment mhux tas-soltu barra mill-kontroll ta' l-awtoritajiet tar-Renju Unit, u lanqas ma kien ir-riżultat ta' bidla severa għall-ħażin fl-ekonomija. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2008 jipprevedi li t-tkabbir fir-Renju Unit jonqos fl-2008 u l-2009 għal rati annwali taħt il-potenzjal. Madankollu, it-tkabbir tal-PGD huwa mistenni li jilħaq il-1,7 % fl-2008 u l-1,6 % fl-2009. L-eċċess 'il fuq minn 3 % tal-valur ta' referenza tal-PGD huwa meqjus ukoll bħala mhux temporanju, bis-servizzi tal-Kummissjoni jbassru, fuq il-bażi ta' linji ta' politika li ma jinbidlux, proporzjon ta' żbilanċ fl-2009/10 ogħla minn 3 % (3,3 %). Dan jindika li r-rekwiżit tat-Trattat li jikkonċerna l-kriterju ta' l-iżbilanċ mhuwiex sodisfatt.

(9) Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern ġenerali jibqa' ferm taħt is-60 % tal-valur ta' referenza (id-dejta ta' l-EDP f'Marzu rrapportat proporzjon ta' 43,0 % tal-PGD [2] fis-sena finanzjarja 2007/08), għalkemm b'tendenza li jogħla sa l-2009/10. Fit-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-proporzjon tad-dejn huwa mbassar li jilħaq madwar 47½ % tal-PGD fl-2009/10.

(10) Skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, "fatturi rilevanti oħrajn" jistgħu jitqiesu biss fid-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv b'konformità ma' l-Artikolu 104(6) jekk il-kundizzjoni doppja – li l-iżbilanċ jibqa' qrib il-valur ta' referenza u li l-eċċess tiegħu 'il fuq mill-valur ta' referenza jkun temporanju – tiġi sodisfatta għal kollox. Din il-kundizzjoni doppja ma ġietx sodisfatta. Għalhekk, fatturi rilevanti oħrajn ma jitqisux fil-passi li jwasslu għal din id-deċiżjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li jeżisti żbilanċ eċċessiv fir-Renju Unit.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmula fi Brussell, 24 ta' Lulju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. HORTEFEUX

---

[1] Stmati mis-servizzi tal-Kummissjoni, b'applikazzjoni tal-metodoloġija komuni għall-istima tad-diskrepanzi fil-produzzjoni.

[2] Bl-użu ta' PGD aġġustat għal Servizzi Intermedjarji Finanzjarji Kkalkulati Indirettament (FISIM).

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta' l-14 ta' Diċembru 2004**

**li temenda d-Deċiżjoni 2002/610/KE dwar l-iskema ta' għajnuna li Franza biħsiebha timplimenta bil-għan li jinfetħu linji ġodda tat-trasport marittimu għal distanzi qosra**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2004) 4519)*

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/714/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Billi:

### 1. IL-PROĊEDURA

### 1.1. Sfond proċedurali

(1) Fit-30 ta' Jannar 2002, il-Kummissjoni adottat, wara proċedura formali ta' eżami, id-Deċiżjoni 2002/610/KE [1] li tapprova, taħt ċerti kundizzjonijiet imsemmija aktar 'il quddiem, skema ta' għajnuna għall-promozzjoni tal-ftuħ ta' linji marittimi għal distanzi qosra, minn issa 'l quddiem "id-Deċiżjoni finali". Id-deċiżjoni finali tgħid, fis-26 premessa tagħha, li Franza taċċetta l-kundizzjonijiet ta' natura proċedurali, li huma partikolarment restrittivi għall-proġetti ta' għajnuna favur linja marittima intrakomunitarja bejn port Franċiż u port ta' Stat Membru ieħor u mhux għal dawk li jinvolvu konnessjonijiet marittimi bejn żewġ portijiet Franċiżi.

(2) Fit-18 ta' Novembru 2004, l-awtoritajiet Franċiżi talbu lill-Kummissjoni temenda d-Deċiżjoni finali biex tqis id-dispożizzjonijiet il-ġodda, aktar favorevoli tal-linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għat-trasport marittimu [2], minn issa 'l quddiem "linji gwida Komunitarji".

### 1.2. Titlu tal-miżura

(3) Il-miżura msemmija fid-deċiżjoni finali ġġib it-titlu: régime d'aides en faveur du lancement de nouvelles lignes de transport maritime à courte distance [*skemi ta' għajnuna għat-tnedija ta' servizzi ta' tbaħħir għal distanzi qosra.*]

### 1.3. L-għanijiet tal-emendi

(4) L-għan prinċipali tal-emendi proposti huwa li jitqies il-qafas ġuridiku l-ġdid ippreżentat permezz tal-linji gwida Komunitarji l-ġodda f'dak li jirrigwarda l-għajnuniet għat-tnedija ta' linji ta' marittimi għal distanzi qosra u li l-kundizzjonijiet imposti bid-deċiżjoni finali jinġiebu kompatibbli ma' dawn ir-regoli Komunitarji ġodda dwar l-għajnuna mill-Istat.

(5) Il-premessa 26 tad-deċiżjoni finali tindika li "biex jiġu ggarantiti t-trasparenza u l-ugwaljanza tat-trattament tal-operaturi fil-kuntest tal-proċedura tal-għażla tal-proġetti, l-awtoritajiet Franċiżi impenjaw irwieħhom biex jirrispettaw il-proċeduri li ġejjin:

(a) sejħa għall-wiri tal-interess se tiġi mnedija perjodikament (pereżempju fil-bidu ta' kull sena) fil-forma ta' avviż ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, fejn jiġu ddefiniti l-modalitajiet tar-reġim tal-għajnuna, il-proċedura li għandha tiġi segwita u l-kriterji tal-għażla tal-kandidati.

(b) għall-proġetti ta' konnessjoni bejn port Franċiż u port fi Stat Membru ieħor, tiddaħħal dikjarazzjoni tal-intenzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajit Ewropej*, fejn jiġi ddefinit l-għan tal-proġett u l-limitu tal-għajnuna previst. Dan l-avviż jistieden lill-partijiet interessati biex jippreżentaw irwieħhom fi żmien ħmistax il-jum tax-xogħol. Fil-każ li waħda mill-partijiet topponi l-iskema tal-għajnuna, l-iskema jkollha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni għall-awtorizzazzjoni minn qabel."

[1] ĠU L 196, 25.7.2002, p. 31.
[2] ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3.

(6) Il-proċeduri msemmja, partikolarment fil-punt b) ta' dan l-inċiż jidhru, skond l-awtoritajiet Franċiżi, li jdumu biex jiddaħħlu fis-seħħ, u għalhekk jistgħux jippreġudikaw l-iżvilupp mingħajr intoppi ta' proġetti bħal dawn.

## 2. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-EMENDA

(7) L-awtoritajiet Franċiżi jixtiequ li d-deċiżjoni finali tiġi emendata biex tkun tista' tirrifletti l-kapitolu 10 tal-linji gwida Komunitarji, dwar l-għajnuniet favur il-linji marittimi fuq distanzi qosra.

## 3. VALUTAZZJONI TAL-EMENDI PROPOSTI

### 3.1. Dispożizzjonijiet tar-regoli Komunitarji ġodda

(8) L-ewwelnett il-Kummissjoni tinnota li l-linji gwida Komunitarji preċedenti ([1]), li kienu applikabbli qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni finali, ma jipprevedu l-ebda regola partikolari għall-għajnuniet favur it-tnedija ta' linji marittimi fuq distanzi qosra. Għalhekk ma kienx illoġiku li l-Kummissjoni tiddefinixxi, fid-deċiżjoni finali, regoli *ad hoc* partikolari biex tapprova r-reġim franċiż speċifiku biex jgħin fit-tnedija tal-linji marittimi fuq distanzi qosra.

(9) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li sadanittat, adottat Linji gwida Komunitarji ġodda, u li dawn tal-aħħar issa jipprovdu qafas għall-għajnuniet mill-Istat għat-tnedija ta' linji marittimi fuq distanzi qosra, b'mod simili għall-għanijiet imfittxija permezz tar-Regolament (KE) Nru 1382/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja Komunitarja biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema tat-trasport tal-merkanzija ("il-Programm Marco Polo") ([2]), li wkoll ġie adottat wara d-deċiżjoni finali.

(10) Il-linji gwida l-ġodda tal-Komunità, fil-Kapitolu 10 tagħhom, iqisu lill-għajnuniet individwali favuri linji fuq distanzi qosra bħala kompatibbli mas-suq Komuni jekk jirrispettaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

"— l-għajnuna ma tridx iddum għal aktar minn tliet snin, u trid tingħata għall-finanzjament ta' servizz marittimu li jgħaqqad żewġ portijiet li jinsabu fuq it-territorju tal-Istati Membri;

— is-servizz għandu jkun ta' natura li jippermetti trasport (l-aktar għall-merkanzija) tat-triq isir kompletament jew parzjalment fuq il-baħar, mingħajr ma t-trasport marittimu jkun żvijjat b'tali mod li jkun kontra l-interess komuni;

— l-għajnuna għandha tkun allokata għall-implimentazzjoni ta' proġett dettaljat b'impatt ambjentali stabbilit minn qabel, fir-rigward ta' rotta ġdida inkella l-aġġornar tas-servizzi fuq rotta eżistenti, tgħaqqad diversi sidien tal-bastimenti jekk meħtieġ, u l-istess linja ma tistax tkun is-suġġett ta' aktar minn proġett wieħed iffinanzjat, u m'għandiex teżisti l-possibbiltà għal tiġdid, estensjoni jew ripetizzjoni tal-proġett ikkonċernat;

— l-għajnuna trid tkun maħsuba biex tkopri l-ispejjeż għall-operat tas-servizz ikkonċernat f'limitu ta' 30 % ([3]), inkella għall-finanzjament tax-xiri ta' apparat tat-trażbord għall-forniment ta' servizz previsti, f'limitu ta' 10 % tal-investimenti msemmija;

— l-għajnuna għat-twettiq ta' proġett trid tiġi allokata fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti applikati b'mod mhux diskriminatorju fir-rigward tas-sidien stabbiliti fil-Komunità. Is-soltu, l-għajnuna trid tingħata għal proġett magħżul mill-awtoritajiet ta' Stat Membru permezz ta' sejħa għall-offerti konformi mar-regoli Komunitarji applikabbli;

— is-servizz li huwa s-suġġett tal-proġett irid, fin-natura tiegħu, ikun kummerċjalment vijabbli wara l-perjodu li matulu jkun eliġibbli għall-għajnuna pubblika.

— l-għajnuna ma għandhiex tkun ikkombinata ma' kumpens għal servizzi pubbliċi (obbligi inkella kuntratti)."

(11) B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li l-linji gwida Komunitarji ġodda ma jagħmlu l-ebda distinzjoni fuq il-bażi ta' jekk il-linja appoġġata tgħaqqadx il-portijiet ta' żewġ Stati Membri differenti, inkella tal-istess Stat Membru. Il-Kummissjoni tistima li ma teżisti l-ebda raġuni oġġettiva biex tinżamm id-distinzjoni bejn iż-żewġ tipi ta' sitwazzjoni, spejgata fis-26 premessa tad-Deċiżjoni finali.

([1]) ĠU C 205, 5.7.1997, p. 5.

([2]) ĠU L 196, 2.8.2003, p. 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm Marco Polo, li jippermetti lill-Kummissjoni li talloka kontribut finanzjarju mill-Komunità għal proġetti ta' tnedija tal-linji marittimi fuq distanzi qosra biex parti mit-traffiku tal-merkanzija bit-triq jiġi ttrasferit għal-linji marittimi. B'mod partikolari, l-Artikolu 9 tar-Regolament jispeċifika li "L-għajnuna finanzjarja Komunitarja għall-azzjonijiet ddefiniti bil-Programm m'għandhiex teskludi li dawk l-azzjonijiet jingħataw għajnuna statali [għajnuna mill-Istat] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, sakemm għajnuna tali tkun kompatibbli ma' l-arranġamenti dwar għajnuna statali preskritti fit-Trattat u fil-limiti stabbiliti għal kull tip ta' azzjoni fl-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 7(3) rispettivament"

([3]) Fil-każ ta' finanzjament komunitarju jew ta' eliġibbiltà għal skemi differenti ta' għajnuna, il-limitu ta' 30 % japplika għat-totali ikkombinat ta' l-għajnuna u ta' l-appoġġ finanzjarju. Ta' min wieħed jinnota li l-intensità ta' l-għajnuna hija l-istess għall-azzjonijiet ta' trasferiment modali fil-qafas tal-programm Marco Polo: ara l-Artikolu 5(2) tar-Reoglament (KE) nru 1382/2003.

(12) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li l-linji gwida Komunitarji ma jopponux li Stat Membru jimplimenta skema li tipprovdi għajnuna għal servizzi ta' tbaħħir għal distanzi qosra jekk l-għajnuniet individwali mogħtija fil-qafas ta' ftehim jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

### 3.2. **Konsegwenzi tal-applikazzjoni tad-deċiżjoni finali mingħajr emenda**

(13) L-għażla li ma tikkonsisti fl-ebda emenda tad-deċiżjoni finali twassal, minn naħa, biex Franza tkun tista' timplimenta għajnuniet individwali għal-linji bejn portijiet Franċiżi, f'kundizzjonijiet aktar favorevoli minn dawk previsti fil-linji gwida ġodda tal-Komunità u, min-naħa l-oħra, biex Franza tkun penalizzata għall-istabbiliment ta' proġetti ta' linji bejn port Franċiż u port ta' Stat Membru ieħor permezz tal-proċeduri formali msemmija fis-26 premessa tad-Deċiżjoni finali. Dawn il-proċeduri formali mhux biss m'għadx hemm lokhom fid-dawl tal-linji gwida Komunitarji l-ġodda, iżda sahansitra jqiegħdu lil Franza f'qagħda ta' inugwaljanza fil-konfront ta' Stati oħra li issa jixtiequ jallokaw, fuq il-bażi tal-linji gwida Komunitarji l-ġodda, skemi ta' għajnuniet jew ta' għajnuniet individwali ad hoc għal-linji fuq distanzi qosra mal-ġirien tagħhom.

(14) Fil-fatt, skont l-Artikolu 88(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha wkoll tevalwa kontinwament l-iskemi eżistenti. Għal dan l-għan, hija trid tivverifika li r-regoli dwar l-għajnuniet mill-Istat japplikaw b'mod uniformi għall-iskemi eżistenti kollha fl-Istati Membri. B'mod partikolari, hija tipproponilhom il-miżuri utli meħtieġa bl-iżvilupp progressiv jew it-tħaddim tas-suq intern sakemm jidħlu fis-seħħ regoli Komunitarji aktar restrittivi. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ma jirnexxielhiex iżżomm, abbażi ta' waħda mid-deċiżjonijiet finali kondizzjonali preċedenti, restrizzjonijiet fuq reġim ta' Stat Membru jekk l-Istati Membri l-oħra li jimplimentaw skemi simili ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet simili.

### 3.3. **Il-vantaġġ tal-emenda**

(15) L-għażla li tikkonsisti fl-emendar tad-Deċiżjoni finali tippermetti li tiġi antiċipata l-applikazzjoni tal-linji gwida ġodda tal-Komunità għall-iskema li teżisti fi Franza għat-tnedija ta' servizzi ta' tbaħħir għal distanzi qosra, qabel id-data ta' limitu prevista mill-Kummissjoni fil-linji gwida ġodda tal-Komunità, jiġifieri t-30 ta' Ġunju 2005, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu, permezz ta' miżuri xierqa, iġibu l-iskemi kollha eżistenti tagħhom f'konformità mar-regoli l-ġodda tal-Komunità.

## 4. **KONKLUŻJONIJIET**

(16) Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-Deċiżjoni 2002/610/KE għandha tiġi emendata. L-emenda proposta tippermetti lill-Franza ġġib f'konformità l-iskemi tagħha mad-dispożizzjonijeit previsti mil-linji gwida l-ġodda tal-Komunità f'dak li jirrigwarda l-linji marittimi bejn port Franċiż u port ta' Stat Membru ieħor, u tippermetti wkoll li l-proġetti ta' għajnuna lil linji marittimi bejn żewġ portijiet Franċiżi, jkunu jistgħu jiġu sottomessi għall-kundizzjonijiet previsti bil-linji l-gwida l-ġodda tal-Komunità. B'mod aktar ġenerali, din l-emenda se tfisser li Franza se tkun qed timplimenta l-iskema tagħha f'kundizzjonijiet identiċi għal dawk preżenti, f'konformità mal-linji gwida msemmija, fl-Istati Membri kollha l-oħra.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2002/610/KE, jiddaħħal it-tielet inċiż li ġej:

"Franza tesiġi li l-għajnuna individwali fil-qafas ta' din l-iskema għandha tkun soġġetta għall-konformità mal-Kapitolu 10 tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għanuniet mill-Istat għat-trasport bil-baħar (*).

(*) ĠU C 13, 17.1.2004, p. 3."

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Jacques BARROT

*Viċi President tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-11 ta' Marzu 2008

## dwar għajnuna mill-Istat (il-Ġermanja) f'forma eżenzjoni mit-taxxa fuq iż-żejt minerali għall-intrapriżi tas-serer

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 860)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

(2008/715/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom skond id-dispożizzjoni ċċitata aktar 'il fuq u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom ([1]),

Billi:

### I. IL-PROĊEDURA

(1) B'ittra tad-19 ta' April 2005, li kienet irreġistrata hekk kif waslet fl-20 ta' April 2005, il-Ġermanja nnotifikat miżura li tagħti rifużjoni fiskali għas-serer fl-2005 u fl-2006. Il-miżura tinkludi klawżola sospensiva li tagħmel l-implimentazzjoni tagħha dipendenti fuq l-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Il-każ ta' l-għajnuna mill-Istat kien irreġistrat bin-numru N 189/05.

(2) Il-miżura hija estensjoni ta' skema mhux innotifikata (2001-02), li diġà kienet is-suġġett ta' estensjoni (2003-04), li anki din ma kinitx innotifikata. Dawk iż-żewġ miżuri mhux innotifikati tniżżlu fir-reġistru ta' l-għajnuna mhux innotifikata bin-numru NN 36/05.

(3) B'ittra ta' l-20 ta' Ottubru 2005, il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE ([2]). B'reazzjoni għal dan, il-Ġermanja wasslet il-kummenti tagħha permezz ta' ittra tat-22 ta' Novembru 2005. Il-Kummissjoni rċeviet diversi osservazzjonijiet mingħand partijiet terzi interessati. Il-Ġermanja wasslet il-kummenti tagħha dwar dawn b'ittra ta' l-14 ta' Ġunju 2006, u pprovdiet aktar informazzjoni b'ittra tat-12 ta' Diċembru 2007.

### II. DESKRIZZJONI

(4) Fis-16 ta' Awwissu 2001, permezz tal-Liġi li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali, il-Ġermanja introduċiet tnaqqis tat-taxxa ta' sentejn għall-fjuwils (iż-żejt għat-tisħin, il-gass naturali, il-gass likwidu) li jintużaw fis-serer u f'żoni għat-tkabbir mgħottija. L-għajnuna ngħatat fil-forma ta' rifużjoni fiskali.

(5) Permezz tal-Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika tat-23 ta' Diċembru 2002, ir-rifużjoni fiskali, li oriġinarjament kienet ingħatat għall-fjuwils li kienu jintużaw bejn l-1 ta' Jannar 2001 u l-31 ta' Diċembru 2002, kienet estiża sal-31 ta' Diċembru 2004.

(6) Permezz tal-Liġi dwar l-implimentazzjoni tal-linji ta' gwida tad-9 ta' Diċembru 2004, il-Ġermanja kienet biħsiebha żżomm dik ir-rifużjoni fiskali sa tmiem l-2006 u nnotifikat il-miżura ta' estensjoni bħala għajnuna mill-Istat N 189/2005.

(7) It-tabelli fl-Anness I juru r-rati tar-rifużjoni u l-impatt finanzjarju tar-rifużjoni fiskali b'sostenn għas-serer, meta pparagunati mal-bqija tas-settur agrikolu.

(8) Il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura ta' investigazzjoni formali għar-raġunijiet li ġejjin:

(9) Il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. L-awtoritajiet Ġermaniżi argumentaw li dan il-każ kien kopert mill-eżenzjoni inkluża fid-Direttivi tal-Kunsill dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' l-enerġija (id-Direttiva 92/81/KEE, li ġiet sostitwita mill-2003 bid-Direttiva 2003/96/KE). Skond dawk id-Direttivi, l-Istati Membri jistgħu jagħtu tnaqqis ta' taxxa fuq iż-żjut minerali li jintużaw fl-orti-koltura.

([1]) ĠU C 67, 18.3.2006, p. 23.

([2]) Ara n-nota 1 ta' qiegħ il-paġna.

(10) Il-Kummissjoni wriet xi dubji rigward din il-fehma. Skond id-Direttivi dwar il-prodotti ta' l-enerġija, u b'mod partikolari d-Direttiva 2003/96/KE, il-miżuri fiskali li jistgħu jadottaw l-Istati Membri jridu jkunu kompatibbli mad-dritt Komunitarju u d-dispożizzjonijiet li jidderogaw għandhom japplikaw mingħajr ma jaffetwaw lir-regoli dwar il-kompetizzjoni. Il-miżuri ma jridux idgħajfu l-operazzjoni bla problemi tas-suq intern jew iwasslu għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni.

(11) Barra minn hekk, din l-għajnuna jidher li għawġet il-kompetizzjoni, peress li piż fiskali mnaqqas fuq il-prodotti ta' l-enerġija f'settur ekonomiku ferm intensiv fl-enerġija, bħall-koltivazzjoni fis-serer, kellu effett dirett fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni u b'hekk fuq il-kompetittività.

(12) Kien enfasizzat li din ir-rifużjoni ngħatat selettivament peress li ddifferenzjat bejn koltivazzjoni fil-beraħ u dik fis-serer fis-settur ta' l-ortikoltura.

(13) Il-Kummissjoni enfasizzat li t-tnaqqis tat-taxxa seta' jingħata, bla ħsara għar-regoli dwar il-kompetizzjoni. F'dak l-istadju, jidher li ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni skond ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li setgħu jagħtu l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħtu għajnuna fiskali ta' dik in-natura.

(14) F'dak l-istadju, il-Kummissjoni qieset li din il-miżura kienet tikkostitwixxi għajnuna operattiva li kienet inkompatibbli mas-suq komuni.

## III. IL-KUMMENTI TAL-ĠERMANJA

(15) Il-Ġermanja kkumentat kemm fuq il-kwistjoni nfisha kif ukoll fuq il-proċedura.

(16) Il-Ġermanja argumentat li t-tnaqqis tat-taxxa ma kienx selettiv, u li kien fin-natura tal-kwistjoni li l-materjali għat-tisħin jintużaw biss f'żoni mgħottija.

(17) Skond il-Ġermanja, jekk kien hemm selettività, u għalhekk ingħatat l-għajnuna, dik l-għajnuna tkun iġġustifikata skond l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat KE. Il-Ġermanja sostniet li kien hemm ġustifikazzjoni speċjali għall-għajnuna skond l-Artikolu 8(2)(f) tad-Direttiva 92/81/KEE u skond id-dispożizzjoni suċċessura tagħha, l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2003/96/KE. Il-Ġermanja kienet ta' l-opinjoni li l-miżura kienet tikkostitwixxi "l-implimentazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Istati Membri [… permezz tad-Direttivi li ssemmew aktar 'il fuq …]". Skond il-Ġermanja, ikun kontradittorju li l-Kummissjoni (li wara kollox ipproponiet dawk id-Direttivi) issostni l-argument kuntrarju għall-Ġermanja, jiġifieri li l-miżura kienet riskju għas-suq komuni. Skond l-Ġermanja, l-aspetti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni ma kellhomx il-prijorità.

(18) Il-Gvern Ġermaniż kien ta' l-opinjoni li l-punt 52 tal-Linji gwidi tal-Komunità dwar l-għajnuna ta' l-istat għall-ħarsien ta' l-ambjent [3] kien applikabbli għaliex taxxa eżistenti kienet ġiet miżjuda b'mod sinifikanti. Huwa argumenta li l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali, u li l-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija li kienet ħaditilha postha, għandhom jitqiesu bħala taxxa ambjentali eżistenti. Huwa ddikjara li r-rati tat-taxxa fuq l-enerġija inklużi hemmhekk kienu ġew miżjuda b'mod sinifikanti mill-1 ta' April 1999 permezz ta' riforma fit-taxxa ekoloġika (kif jintwera fl-istampa ġenerali fl-Anness I).

(19) L-għanijiet ta' dawk id-dispożizzjonijiet kien li tiżdied id-domanda għal prodotti li jiffrankaw l-enerġija u li jkunu effiċjenti fir-riżorsi u li tingħata spinta lill-iżvilupp ta' proċeduri u ta' teknoloġiji li jiffavorixxu lill-ambjent. Il-Gvern Ġermaniż argumenta li l-leġiżlazzjoni relatata mat-tassazzjoni ta' l-enerġija b'hekk kelha effett sinifikanti fuq il-ħarsien ambjentali.

(20) F'dan il-kuntest, il-Gvern Ġermaniż għamel referenza għal studju dwar l-effiċjenza ta' l-enerġija fil-koltivazzjoni fis-serer li twettaq miċ-Ċentru għall-Ġestjoni tan-Negozju fl-Ortikoltura fl-Istitut tas-Sistemi tal-Produzzjoni Bijoloġika fl-Università ta' Leibnitz ta' Hanover.

(3) ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3.

(21) Kien sostnut li, tassazzjoni ogħla fuq l-enerġija kienet piż partikolari fuq l-intrapriżi li jsaħħnu s-serer jew żoni mgħottija oħrajn, peress li l-operazzjonijiet ta' dawk l-intrapriżi kienu intensivi fl-enerġija. Minħabba dan, kien argumentat, kien hemm għalxiex jitnaqqas il-piż fuq dawk l-intrapriżi temporanjament billi jiġi introdott inċentiv fiskali. Kien argumentat ukoll li xorta kien hemm ħtieġa għal din il-miżura wara l-31 ta' Diċembru 2002 (id-data meta t-tnaqqis tat-taxxa oriġinali kien se jiskadi). Għal din ir-raġuni, il-Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika estendiet il-validità tat-tnaqqis tat-taxxa b'sentejn sal-31 ta' Diċembru 2004. Fid-dawl tas-sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċli fl-2005 u fl-2006 li kienu qed jiffaċċjaw l-intrapriżi agrikoli u tal-forestrija li kienu jsaħħnu s-serer jew iż-żoni mgħottija tagħhom sabiex jikkultivaw il-pjanti, kien deċiż li jingħata tnaqqis ta' taxxa għal dak il-perjodu wkoll.

(22) Il-Gvern Ġermaniż qies li r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 52 tal-liniji ta' gwida Komunitarji ġew sodisfatti. Konsegwentement, kien argumentat li d-dispożizzjonijiet tal-punt 51(1)(b) tal-linji ta' gwida Komunitarja setgħu jintużaw bħala ġustifikazzjoni għaliex ngħatat għajnuna mill-Istat fil-forma ta' tnaqqis ta' taxxa għall-perjodu 2001-2006.

(23) Il-Gvern Ġermaniż argumenta li, fejn it-tnaqqis tat-taxxa kien jaffetwa taxxa Komunitarja li ġiet armonizzata skond id-Direttiva 92/81/KEE jew id-Direttiva 2003/96/KE, it-tnaqqis tat-taxxa kien kompatibbli mas-suq komuni, għallinqas f'każi fejn ma kienx taħt ir-rata fiskali minima Komunitarja. Skond il-Ġermanja, l-istess kien japplika għat-tnaqqis tat-taxxa (jiġifieri, il-kompatibbiltà mas-suq komuni) jekk ma kinitx involuta taxxa Komunitarja, għallinqas f'każi fejn it-tnaqqis kien ta' aktar minn 20 % tat-taxxa domestika.

(24) Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li, matul il-konsultazzjonijiet dwar l-abbozz tal-liġi li tintroduċi r-riforma fit-taxxa ekoloġika, kienet inqalgħet il-kwistjoni li jitnaqqas il-piż fuq l-intrapriżi agrikoli u tal-forestrija li jsaħħnu s-serer jew iż-żoni mgħottija tagħhom sabiex jikkultivaw il-pjanti minħabba li dawk l-intrapriżi kienu jiġu affetwati b'mod sinifikanti minn tassazzjoni akbar minħabba l-operazzjonijiet intensivi fl-enerġija tagħhom. Minħabba l-pressjoni enormi taż-żmien biex il-leġiżlazzjoni tgħaddi mill-Parlament, u minħabba l-fatt li l-leġiżlazzjoni oriġinarjament kellha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999, ġie deċiż li s-settur agrikolu u tal-forestrija jiġi inkluż fil-mekkaniżmu tat-tnaqqis tat-taxxa għas-settur tal-manifattura. L-introduzzjoni tat-tnaqqis tat-taxxa in kwistjoni kien ir-riżultat ta' emenda separata għal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001. L-ewwel estensjoni tat-tnaqqis tat-taxxa (għall-perjodu 2003-04) kienet adotta skond il-Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika.

(25) Il-Ġermanja argumentat li waqt il-komunikazzjonijiet mal-Kummissjoni li kellha qabel, ingħatat x'tifhem li t-tnaqqis tat-taxxa in kwistjoni kien legali. Il-Ġermanja rreferiet b'mod partikolari għad-dikjarazzjonijiet verbali li għamlu uffiċjali tal-Kummissjoni waqt laqgħa tal-grupp ta' ħidma "Il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni fl-agrikoltura" fis-26 u fis-27 ta' Ottubru 1999. Ikun xi jkun il-każ, il-Kummissjoni, fl-aktar laqgħa reċenti, kienet saret konxja mill-fatti tal-każ permezz tal-komunikazzjoni tal-Ġermanja tad-29 ta' Awwissu 2001, sa tali punt li f'dak il-waqt il-Kummissjoni setgħet tivvaluta l-kompatibbiltà tat-tnaqqis tat-taxxa mas-suq komuni. Il-Ġermanja espliċitament invokat l-Artikolu 10(1) u t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ([4]). Il-Ġermanja argumentat li, kwalunkwe rkupru ta' l-għajnuna ma setax ikun kompatibbli la mal-prinċipji tal-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi u taċ-ċertezza legali u lanqas mal-prinċipji ta' amministrazzjoni xierqa. Skond il-Ġermanja, l-osservazzjonijiet li għamlu partijiet terzi interessati wrew li l-aspettattivi tagħhom kienu leġittimi.

## IV. L-OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET TERZI

(26) Il-partijiet terzi interessati essenzjalment ressqu argumenti li kienu diġà ntużaw mill-Ġermanja. Huma argumentaw li l-miżuri wkoll ma kinux selettiv għaliex kienu miftuħa għall-intrapriżi agrikoli u tal-forestrija kollha li joperaw serer u żoni mgħottija. Huma argumentaw ukoll li l-kummerċ Komunitarju ma ġiex imfixkel. Iż-żona taħt il-ħġieġ tnaqqset drastikament fis-snin ikkonċernati u l-importazzjonijiet lejn il-Ġermanja ta' prodotti kompetituri żdiedet. Ikun xi jkun il-każ, il-volumi tal-produzzjoni tal-Ġermanja żgur li ma kinux sinfikanti, meta pparagunati mal-kummerċ intra-Komunitarja fil-veġetali. Barra

([4]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

minnhekk, l-uċuħ tar-raba' mkabbra fil-beraħ u dawk ta' taħt il-ħġieġ ma kinux f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin u l-parti l-kbira minnhom ma setgħux jieħdu post xulxin. Jekk kien hemm għajnuna, din setgħet tiġi ġġustifikata fuq il-bażi ta' l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat tal-KE peress li għenet l-iżvilpp tas-settur ta' l-ortikoltura. L-għajnuna ppermettiet li s-settur ta' l-ortikultura jaġġusta ruħu għal żieda fil-prezzijiet ta' l-enerġija u naqqset it-"tgħawwiġ fil-kompetizzjoni" li rriżulta minn prezzijiet grossi ta' l-enerġija ferm aktar baxxi fi Stati Membri oħrajn u li jaffetwaw ħażin lill-intrapriżi li jipproduċu fil-Ġermanja. Ma setax jiġi sostnut li l-għajnuna Ġermaniża kienet "qed tgħawweġ il-kompetizzjoni". Għall-kuntrarju, hija kkumpensat (parzjalment) għal "tgħawwiġ fil-kompetizzjoni" eżistenti li qiegħed lill-koltivazzjoni fis-serer tal-Ġermanja fi żvantaġġ. Minħabba li kienu limitati fiż-żmien, il-miżuri taw lis-settur inċentiv qawwi sabiex jadatta ruħu għal żidiet fil-prezzijiet ta' l-enerġija billi jiġu implimentati miżuri li jiffrankaw l-enerġija u ta' razzjonalizzazzjoni ta' l-enerġija, u billi jsir l-investiment xieraq. Għaldaqstant, il-miżuri kellhom ikunu ammissibbli għaliex inkella l-intenzjoni tad-Direttiva 92/81/KEE u tad-Direttiva 2003/96/KE kienet tiġi mdgħajfa jew ristretta b'mod inammissibbli. Alternattivament, b'referenza għas-sentenza RSV ([5]) tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, kien argumentat li jekk jitħarsu l-aspettattivi leġittimi tal-benefiċjarji jkun qed jiġi prekluż kwalunkwe rkupru ta' l-għajnuna, peress li l-Kummissjoni diġà kienet taf dwar l-għajnuna fid-29 ta' Awwissu 2001 imma ma ssottoponitiex għal proċedura ta' investigazzjoni qabel l-20 ta' April 2005 meta talbet xi informazzjoni. Barra minn hekk, fil-każ ta' rkupru, numru kbir ta' intrapriżi jirriskjaw li jfallu.

## V. VALUTAZZJONI TAL-MIŻURA

(27) Skond l-Artikolu 43 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex ([6]), l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat tal-KE japplikaw għall-produzzjoni ta' l-oġġetti speċifikati fir-Regolament u għall-kummerċ f'dawk l-oġġetti. Il-produzzjoni ta', u l-kummerċ fil-frott u fil-veġetali għalhekk huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet Komunitarji dwar l-għotja ta' l-għajnuna mill-Istat.

(28) Skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat fi kwalunkwe forma tkun li tkun, li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffetwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, għandha titqies bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

(29) Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta jitqies jekk miżura ta' l-Istat tikkostitwixxiex għajuna fit-tifsira ta' l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE, għandu jiġi ddeterminat jekk l-intrapriża riċeventi rċevietx vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tirċievi f'kundizzjonijiet normali tas-suq ([7]) jew iffrankat spejjeż li kieku normalment kien ikollha tħallas mir-riżorsi tagħha stess ([8]).

(30) Il-miżura fil-forma ta' rifużjonijiet fiskali tagħti lill-intrapriżi li jirċevuhom vantaġġi ekonomiċi fil-forma ta' piż fiskali mnaqqas. Dan jiffrankalhom spejjeż li, f'ċirkustanzi normali, kien ikollhom iħallsu mir-riżorsi tagħhom stess. L-għajnuna tingħata mill-fondi pubbliċi lil ċerti intrapriżi, jiġifieri intrapriżi agrikoli u tal-forestrija involuti fil-produzzjoni billi jużaw serer u żoni mgħottija.

(31) L-għajnuna ma tingħatax lill-intrapriżi kollha u għalhekk hija selettiva. Għaldaqstant, il-miżura tikkostitwixxi għajnuna fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(32) Huwa wkoll probabbli li r-rifużjoni fiskali tgħawweġ il-kompetizzjoni ([9]) u taffetwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ([10]).

(33) Il-Ġermanja hija produttriċi sinifikanti ta' prodotti tas-serer. Il-kummerċ f'dawn il-prodotti huwa wkoll sinifikanti, hekk kif turi l-istatistika li ġejja.

([5]) Il-Kawża 223/85 Rijn-Schelde-Verolme (RSV) Maschinefabriken en Scheepswerven N.V. vs Il-Kummissjoni [1987] ECR 4617.
([6]) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1.
([7]) Il-Kawża C-39/94, SFEI *et.*, [1996] ECR I-3547, il-paragrafu 60.
([8]) Il-Kawża C-301/87, Franza vs Il-Kummissjoni, [1990] ECR I-307, il-paragrafu 41.
([9]) Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, it-titjib fil-pożizzjoni kompetittiva ta' intrapriża permezz ta' għajnuna mill-Istat ġeneralment jinvolvi tgħawwiġ ta' kompetizzjoni fil-konfront ta' intrapriżi kompetituri li mhumiex jirċievu tali sostenn (Il-Kawża C-730/79 [1980] ECR 2671, il-paragrafi 11 u 12).
([10]) Ara l-istatistika t'aktar 'l isfel (sors: il-Eurostat).

| | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 |
|---|---|---|---|---|---|
| Veġetali | | | | | |
| *Importazzjoni* | | | | | |
| Valur (f'eluf ta' EUR) | 6 705 483 | 6 936 685 | 7 049 757 | 6 845 103 | 6 979 459 |
| Kwantità (f'tunnellati metriċi) | 5 346 123 | 5 365 972 | 5 599 183 | 5 621 769 | 5 464 528 |
| *Esportazzjoni* | | | | | |
| Valur (f'eluf ta' EUR) | 867 832 | 985 187 | 1 030 880 | 1 045 543 | 1 122 869 |
| Kwantità (f'tunnellati metriċi) | 2 227 612 | 2 243 611 | 2 133 544 | 2 164 328 | 2 345 796 |
| Fjuri | | | | | |
| *Importazzjoni* | | | | | |
| Valur (f'eluf ta' EUR) | 3 413 206 | 3 614 349 | 3 673 148 | 3 691 913 | 3 723 794 |
| Kwantità (f'tunnellati metriċi) | 1 285 460 | 1 442 078 | 1 547 266 | 1 573 104 | 1 671 568 |
| *Esportazzjoni* | | | | | |
| Valur (f'eluf ta' EUR) | 405 250 | 482 993 | 546 938 | 526 374 | 573 022 |
| Kwantità (f'tunnellati metriċi) | 235 333 | 326 613 | 286 080 | 283 426 | 355 969 |

(34) Il-prodotti tas-serer tal-Ġermanja qegħdin f'kompetizzjoni mal-prodotti tas-serer ta' Stat Membri oħrajn. Il-Ġermanja u l-partijiet terzi interessati mhux biss ma kkontestawx dan, imma diġà ġie spjegat li l-intrapriżi tas-serer kienu eżentati mit-taxxa eżattament sabiex tittejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tagħhom fil-konfront tal-kompetituri Olandiżi li, skond l-istess informazzjoni, igawdu minn kundizzjonijiet tal-produzzjoni aktar favorevoli minħabba prezzijiet grossi ta' l-enerġija aktar baxxi. Għalhekk hija involuta kompetizzjoni diretta. L-affermazzjoni ta' parti terza interessata li l-prodotti tas-serer ma kinux f'kompetizzjoni diretta mal-prodotti li jiġu kkoltivati fil-beraħ għalhekk hija immaterjali meta jitqies li hemm kompetizzjoni bejn il-prodotti tas-serer Ġermaniżi u l-prodotti tas-serer ta' Stati Membri oħrajn, inklużi l-prodotti tas-serer Olandiżi.

(35) Konsegwentement, huwa probabbli li l-eżenzjonijiet mit-taxxi li kieku kienu jkunu dovuti kienu jgħawwġu l-kompetizzjoni. L-argument li l-prezzijiet ta' l-enerġija huma aktar favorevoli fi Stati Membri oħrajn mhux importanti ([11]). Anki likieku kien minnu li l-punti ta' tluq rigward dan il-fattur ta' produzzjoni kienu differenti, dan ma jbiddilx il-fatt li r-rifużjoni fiskali mogħtija mill-Ġermanja probabbilment tgħawweġ il-kompetizzjoni.

(36) Huwa wkoll probabbli li l-għajnuna tfixkel il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Dan jintwera mill-flussi kummerċjali mhux insinfikanti, kif intwera aktar 'il fuq. Anki li kieku kien minnu, kif ġie argumentat, li ż-żona taħt il-ħġieġ tnaqqset drastikament u li l-importazzjonijiet lejn il-Ġermanja żdiedu, dan bl-ebda mod ma jipprova li l-kummerċ ma ġiex imfixkel. Ma jistax jiġi eskluż li mingħajr il-miżura, iż-żona għat-tkabbir kienet tkun saħanistra mnaqqsa b'mod aktar drastiku u/jew l-importazzjonijiet lejn il-Ġermanzja kienu jiżdiedu saħansitra aktar. Peress li l-kummerċ intra-Komunitarju mal-Ġermanja fil-prodotti tas-serer jeżisti, mhix kwistjoni ta' kemm għandu jitqies li huma sinifikanti l-kwantitajiet tal-produzzjoni tal-Ġermanja.

(37) Il-projbizzjoni fuq l-għoti ta' l-għajnuna mill-Istat skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, madankollu, ma tapplikax mingħajr eċċezzjoni. Il-Kummissjoni eżaminat jekk tapplikax kwalunkwe waħda mill-eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni, fil-prinċipju, ta' l-għajnuna, skond l-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE.

(38) L-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 87(2) tat-Trattat tal-KE, li jikkonċerna l-għajnuna ta' natura soċjali mogħtija lil konsumaturi individwali, l-għajnuna sabiex tagħmel tajjeb għad-dannu kkważat minn diżastri naturali jew minn avvenimenti eċċezzjonali u l-għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja mhumiex rilevanti f'dan il-kuntest irrispettivament minn min huma l-benefiċjarji ta' l-iskema in kwistjoni.

([11]) Il-Kawża 173/73 L-Italja vs Il-Kummissjoni, [1974] ECR 709, il-paragrafi 36 sa 40.

(39) Il-Kummissjoni tqis li l-eċċezzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat tal-KE dwar l-iżvilupp ta' ċerti żoni mhumiex applikabbli għall-iskema in kwistjoni għaliex il-miżura ma tinkludix l-għajnuna biex ikun promoss l-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' l-għajxien huma baxx b'mod mhux normali jew fejn hemm livell serju ta' qgħad.

(40) Rigward l-eċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat tal-KE, huwa biżżejjed li wieħed jinnota li l-iskema fiskali in kwistjoni mhix proġett importanti ta' interess komuni Ewropew u ma tfittix li tkun ta' rimedju għal disturb serju fl-ekonomija Ġermaniża. Lanqas ma tfittex li tipromwovi l-kultura u l-konservazzjoni tal-wirt fit-tifsira ta' l-eċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat tal-KE.

(41) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tosserva li, matul il-proċedura ta' investigazzjoni, la l-awtoritajiet Ġermaniżi u lanqas l-ebda parti interessata ma invokaw l-eċċezzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq.

(42) L-unika eċċezzjoni li setgħet titqies għalhekk hija dik inkluża fl-Artikolu 87(3)(ċ), jiġifieri li għajnuna tista' titqies kompatibbli mas-suq komuni jekk jinstab li tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti żoni ekonomiċi, fejn tali għajnuna ma' taffetwax ħażin il-kundizzjonijiet kummerċjali sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

(43) Il-linji ta' gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu [12] japplikaw għall-miżuri in kwistjoni hawnhekk [13].

(44) Madankollu, la dawk il-linji ta' gwida Komunitarji u lanqas l-ebda regola oħra relatata ma' l-agrikoltura ma jipprovdu, fir-rigward tal-miżuri deskritti aktar 'il fuq, għal eżenzjonijiet espliċiti mill-projbizzjoni, fil-prinċipju, ta' l-għajnuna inkluża fl-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tinnota li l-punt 4 tal-linji ta' gwida Komunitarji, li huwa relatat ma' l-għajnuna għall-investiment, ma japplikax f'dan il-każ. Ir-rifużjoni fiskali mhix marbuta mat-twettiq ta' investiment.

(45) Il-Ġermanja u numru ta' partijiet terzi interessati huma ta' l-opinjoni li mill-Artikolu 8(2)(f) tad-Direttiva 92/81/KEE u mill-Artikolu 15(3) tas-suċċessura tagħha, id-Direttiva 2003/96/KE, tirriżulta ġustifikazzjoni speċjali għall-għajnuna, u li dan ikun permess skond il-punt 3.4 tal-linja ta'gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu.

(46) Rigward id-Direttiva 2003/96/KE, fil-premessi 15 u 24, qed jiġi ddikjarat li l-miżuri li jintroduċu rati differenzjati ta' tassazzjoni jridu jkunu skond ir-regoli dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni sabiex ma jirriżultawx f'tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. Il-fatt li r-regoli dwar il-kompetizzjoni jridu jiġu applikati ġie kkonfermat ukoll fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/96/KE billi nġibdet l-attenzjoni ta' l-Istati Membri li miżuri bħal rifużjonijiet fiskali, fit-tifsira tad-Direttiva, jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u li f'dawk il-każi jridu jiġu nnotifikati skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE. Dak l-Artikolu jiddikjara espliċitament li l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-Direttiva ma tħollx lill-Istati Membri mill-obbligu tan-notifika skond l-Artikolu 88(3) tat-Trattat tal-KE.

(47) L-istess japplika għad-Direttiva 92/81/KEE, li fil-premessi tagħha (is-sitt premessa) tiddikjara li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fuq bażi fakultattiva ċerti […] eżenzjonijiet […] fejn dan ma jagħtix lok għal tgħawwiġ tal-kompetizzjoni. L-Artikolu 8(2) tagħha jiddikjara li l-Istati Membru jistgħu "mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn [*traduzzjoni mhux uffiċjali*]" japplikaw eżenzjonijiet fiskali jew tnaqqis ta' taxxa totali jew parzjali. Il-Kummissjoni tfakkar, f'din l-okkażjoni, il-kompetenza li għandha rigward kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat li toriġina direttament mit-Trattat tal-KE. Kwalunkwe leġiżlazzjoni Komunitarja bl-ebda mod ma tista' ddgħajjef il-kompetizzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

(48) Il-Ġermanja tafferma li r-rifużjoni fiskali hija implimentazzjoni ta' setgħa mogħtija lill-Istati Membri mid-Direttivi li jissemmew aktar 'il fuq. Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għal din l-affermazzjoni hija li dan ikun possibbli biss bla ħsara għall-kundizzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq. Il-Ġermanja qed targumenta wkoll li dan huwa kontradittorju min-naħa tal-Kummissjoni, li wara kollox ipproponiet dawk id-Direttivi, li tafferma fil-konfront tal-Ġermanja li jirriżulta li hemm periklu għas-suq komuni. L-ewwelnett, il-Ġermanja ma argumentatx li skond l-interpetazzjoni tal-Kummissjoni ma kien hemm l-ebda possibbiltà li effettivament jiġu applikati l-imsemmija Direttivi. Naturalment, il-Kummissjoni ma teskludix il-possibbiltà li jkun hemm każi li ġew ikkonċepiti fuq il-bażi tad-Direttivi, imma li fl-istess ħin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kompetizzjoni ġusta. Il-Kummissjoni tosserva li d-Direttivi jagħtu lok biss għal trattament fiskali favorevoli f'dan l-istadju ta' l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni fiskali, imma ma jippreskrivuhx.

(12) ĠU C 232, 12.8.2000, p. 17.
(13) Avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta'għajnuna illegali mill-Istat [traduzzjoni mhux uffiċjali] ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

(49) Il-Ġermanja tikkontesta l-fatt li l-aspetti tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tad-Direttivi in kwistjoni qed ikollhom prijorità. Madankollu, mill-kunsiderazzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq jirriżulta li, jkun xi jkun il-każ – jiġifieri anki jekk il-kunsiderazzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni ma jkollhomx prijorità – l-għajnuna bħal din ir-rifużjoni fiskali trid tkun eżaminata fuq il-bażi tar-regoli rilevanti dwar il-kompetizzjoni skond it-Trattat tal-KE. Il-kwistjoni dwar jekk hemmx prijorità jew le, għalhekk, mhix sinifikanti ([14]).

(50) L-ambitu għall-valutazzjoni u għad-diskrezzjoni mogħtija lill-Kummissjoni mit-Trattat tal-KE rigward l-applikazzjoni ta' l-eżenzjonijiet skond l-Artikolu 87(3) ma kienx u ma setax ikun ristrett mid-Direttivi in kwistjoni bi kwalunkwe mod.

(51) Il-punt 3.5 tal-linji ta' gwida Komunitarji jirrifletti l-prinċipji tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat u tal-Politika Agrikola Komuni. Jiddikjara li miżuri unilaterali ta' l-għajnuna mill-Istat li sempliċement għandhom l-għan li jtejbu s-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi imma li bl-ebda mod ma jagħtu kontribut għall-iżvilupp tas-settur, u b'mod partikolari l-għajnuna li tingħata biss fuq il-bażi tal-prezz, tal-kwantità, ta' l-unità ta' produzzjoni jew ta' l-unità tal-mezzi ta' produzzjoni jitqiesu li jikkostitwixxu għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

(52) Kif diġà ġie ddikjarat, l-għajnuna in kwistjoni mhix marbuta ma' investiment li probabbli li se jimmodernizza lis-settur (eż. permezz ta' iżolament aħjar tas-shana jew investiment sabiex jiżdied l-użu ta' l-enerġija). Għall-kuntrarju, probabbli li l-aġġustamenti meħtieġa (bħal dawk li ssemmew aktar 'il fuq) jiddawru b'tali sussidji. Għalhekk, is-settur jibqa' jiddependi fuq din l-għajnuna. L-iżvilupp jew ma jseħħ xejn jew isir biss wara dewmien korrispondenti. Għall-kuntrarju ta' dak li qed jargumentaw uħud mill-partijiet terzi interessati, mhux biss ma hemm l-ebda effett ta' inċentiv sabiex isir l-investiment meħtieġ, imma l-inċentiv eżistenti ta' prezzijiet għoljin ta' l-enerġija jitnaqqas bis-sussidji. L-għajnuna in kwistjoni, għalhekk, għandha tiġi kklassifikata bħala għajnuna operattiva fis-sens li jissemma aktar 'il fuq.

(53) Il-linji ta' gwida Komunitarji l-ġodda għall-għajnuna mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-forestrija għall-2007 sa l-2013 [*traduzzjoni mhux uffiċjali*] ([15]) ma daħlux fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2007. Il-punt 172 jipprovdi għal applikabbiltà retroattiva rigward rifuzjonijiet fiskali illegali mogħtija skond id-Direttiva 2003/96/KE, imma biss jekk ikunu ġew sodisfatti il-kundizzjonijiet ta' dik id-Direttiva u ma kien hemm l-ebda differenzjazzjoni fis-settur agrikolu. L-istess japplika għal rifużjonijiet fiskali illegali mogħtija skond id-Direttiva 92/81/KEE. Peress li l-miżura in kwistjoni tapplika biss favur ċerti intrapriżi agrikoli, madankollu, il-punt 172, għalhekk ma jikkostitwixxix bażi li tippermetti lill-Kummissjoni tqis dawn ir-rifużjonijiet fiskali bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(54) Il-Ġermanja bihsiebha tiġġustifika l-kompatibbiltà ta' l-għajnuna skond il-linji ta' gwida ambjentali. Il-Kummissjoni qieset ukoll l-applikazzjoni tal-punti 23 u 51 *et seq.* tal-Linji gwidi tal-Komunità dwar l-għajnuna ta' l-istat għall-ħarsien ta' l-ambjent li f'ċerti ċirkustanzi jippermettu li tingħata għajnuna operattiva. Il-linji ta' gwida agrikoli ta' l-2000 fil-punt 5.6.2. jirreferu għal dawn il-linji ta' gwida ambjentali.

(55) Il-punt 23 tal-linji ta' gwida ambjentali jiddikjara li l-eżenzjonijiet minn jew it-tnaqqis fit-taxxi li l-effetti tagħhom jwasslu għall-ħarsien ambjentali għall-benefiċċju tad-ditti f'kategoriji partikolari sabiex ikun evitat li jitqiegħdu f'sitwazzjoni kompetittiva diffiċli jistgħu jkunu aċċettabbli, sakemm tali eżenzjonijiet ikunu *meħtieġa* sabiex tkun żgurata l-adozzjoni jew l-applikazzjon kontinwata tat-taxxi għall-prodotti kollha.

(56) Il-Kummissjoni tfakkar li skond il-punt 50 tal-linji ta' gwida ambjentali, il-miżuri fiskali in kwistjoni, b'mod ġenerali, għandhom jagħtu kontribut sinifikanti għall-ħarsien ta' l-ambjent. Għandha tingħata attenzjoni sabiex ikun żgurat li l-eżenzjonijiet, min-natura stess tagħhom, ma jdgħajfux l-għanijiet ġenerali mfittxa.

(57) Fuq il-bażi tad-dokumenti (l-istudju) li ressqet sussegwentement, il-Ġermanja wriet li, minkejja ż-żieda fit-taxxi fuq l-enerġija, il-konsum ta' l-enerġija naqas kontinwament u l-effiċjenza fl-enerġija żdiedet kemm fil-koltivazzjoni fis-serer kemm tal-veġetali kif ukoll tal-fjuri.

(58) Konsegwentement, il-Kummissjoni tassumi li l-intrapriżi in kwistjoni rrikonoxxew il-ħtieġa li jittieħdu miżuri sabiex ikun hemm xi titjib rigward il-ħarsien ambjentali.

(59) Il-linji ta' gwida ambjentali jagħmlu distinzjoni bejn, min-naħa l-waħda, taxxi ġodda (il-punt 51.1) u, min-naħa l-oħra, taxxi eżistenti (il-punti 51.2 u 52).

(60) Il-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali kienet fis-seħħ meta ġiet emendata fis-16 ta' Awwissu 2001 bil-Liġi li Temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali, li tat ir-rifużjonijiet fiskali. Għalhekk, jitqies li kienet "teżisti" fis-sens tal-punt 51.2 jew 52 tal-linji ta' gwida ambjentali fi żmien l-introduzzjoni tal-Liġi li temenda.

([14]) Il-Kawża T-184/97 BP Chemicals vs Il-Kummissjoni, [2000] ECR II-3145, il-paragrafu 59 *et seq.*

([15]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.

(61) Il-punt 51.2 jipprovdi għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-punt 51.1 jekk iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti fl-istess ħin: (a) it-taxxa in kwistjoni jrid ikollha impatt pożittiv apprezzabbli f'termini ta' ħarsien ambjentali, u (b) trid tkun ittieħdet deċiżjoni dwar id-derogi għad-ditti kkonċernati meta t-taxxa kienet adottata jew saru meħtieġa minħabba bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li qiegħdu lid-ditti f'sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċli. Fil-każ ta' l-aħħar, l-ammont tat-tnaqqis ma jistax jaqbeż iż-żieda fl-ispejjeż li tirriżulta mill-bidla fil-kundizzjonijiet ekonomiċi. Ladarba ma jkun hemm aktar l-ebda żieda fl-ispejjeż, it-tnaqqis ma jridx japplika aktar.

(62) Il-kundizzjonijiet li jissemmew f' (a) u f' (b) iridu jiġu sodisfatti kumulattivament sabiex japplika l-punt 51.1 tal-linji ta' gwida ambjentali. Rigward il-kundizzjonijiet f' (b), l-ewwel alternattiva, li teħtieġ li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar id-derogi għad-ditti kkonċenati meta t-taxxa kienet adottata, il-Kummissjoni tosserva li t-tnaqqis tat-taxxa kollu ngħata wara l-adozzjoni tal-liġi fiskali u mhux meta kien adottata. Għalhekk, l-ewwel alternattiva ma ġietx sodisfatta. It-tieni alternattiva teħtieġ mhux biss il-prova ta' bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ekonomiċi tad-ditti kkonċernati, fuq in-naħa l-waħda, imma anki l-prova li l-ammont tat-tnaqqis ma jaqbiżx iż-żieda fl-ispejjeż li tirriżulta mill-bidla fil-kundizzjonijiet ekonomiċi, fuq in-naħa l-oħra. Il-Ġermanja ma pprovdietx evidenza li għandha tippermetti li l-Kummissjoni tqis li dawn il-kundizzjonijiet ġew sodisfatti. Għalhekk, lanqas it-tieni alternattiva ta' (b) ma ġiet sodisfatta. Konsegwentement, il-punt 51.2 ma jistax jiġi applikat.

(63) Il-Kummissjoni eżaminat jekk il-punt 52 setax jiġi applikat. Il-punt 52 jistabbilixxi li fejn taxxa eżistenti tiżdied b'mod sinifikanti u fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun tal-fehma li d-derogi jkunu meħtieġa għal ċerti ditti, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 51.1 rigward taxxi ġodda jkunu applikabbli b'analoġija. Għalhekk, irid jiġi eżaminat jekk it-taxxi ġewx miżjuda b'mod sinifikanti u jekk il-kundizzjonijiet tal-punt 51.1 tal-linji ta' gwida ambjentali ġewx sodisfatti.

(64) It-taxxi eżistenti kienu kollha miżjuda b'aktar minn 20 % (ara l-Anness I). Il-Kummissjoni tqis li din iż-żieda kienet sinifikanti fit-tifsira tal-punt 52 tal-linji ta' gwida ambjentali. Il-Kummissjoni tinnota li, skond il-Ġermanja, it-tnaqqis tat-taxxa in kwistjoni huwa meħtieġ għall-eżistenza kontinwata ta' l-intrapriżi tas-serer li jibbenfikaw minnu.

(65) Madankollu, il-punt 52 jista' jiġi applikat biss għat-tnaqqis tat-taxxa mogħti li ma jaqbiżx iż-żieda fit-taxxa oriġinali, jiġifieri l-parti l-ġdida tat-taxxa eżistenti. Il-punt 52 jirreferi għar-regoli applikabbli għat-taxxi l-ġodda. Għaldaqstant, iż-żieda fit-taxxa tiġi vvalutata b'analoġija bl-istess mod bħall-introduzzjoni ta' taxxa ġdida. Din l-analoġija tista' tiġi applikata biss għall-parti l-ġdida, jiġifieri l-parti miżjuda tat-taxxa. Dan ir-raġunament biss jiżgura li l-kriterji addizzjonali li għandhom jiġu applikati fil-valutazzjoni tat-taxxi eżistenti ma jiġux injorati fil-każ tal-valutazzjoni ta' żieda fit-taxxa. Fuq il-bażi ta' din is-suppożizzjoni, il-Kummissjoni stabbiliet il-fatti li ġejjin:

(66) Rigward iż-żejt għat-tisħin, it-taxxa oriġinali ġiet miżjuda minn EUR 40,90/1 000 l għal EUR 61,35/1 000 l. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa li jmur lilhinn mil-livell oriġinali (jiġifieri EUR 40,90/1 000 l), ma jistax jiġi ġġustifikat skond il-linji ta' gwida ambjentali u għalhekk mhux kompatibbli mas-suq komuni.

(67) Rigward il-gass naturali, it-taxxa oriġinali ġiet miżjuda minn EUR 1,87/MWh għal EUR 3,476/MWh (mill-1 ta' April 1999), u EUR 5,50/MWh (mill-2003). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa li jmur lilhinn mil-livell oriġinali (jiġifieri EUR 1,87/1 000 l), ma jistax jiġi ġġustifikata skond il-linji ta' gwida ambjentali u għalhekk mhux kompatibbli mas-suq komuni.

(68) Rigward il-gass likwidu, it-taxxa oriġinali ġiet miżjuda minn EUR 25,56/1 000 kg għal EUR 38,34/1 000 kg (mill-1 ta' April 1999) u EUR 60,60/1 000 kg (mill-2003). Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe tnaqqis tat-taxxa li jmur lilhinn mil-livell oriġinali (jiġifieri EUR 25,56/1 000 kg), ma jistax jiġi ġġustfikat skond il-linji ta' gwida ambjentali u għalhekk mhux kompatibbli mas-suq komuni.

(69) Rigward il-parti ta' l-għajnuna li ma marritx lilhinn miż-żieda fit-taxxa fl-1999, il-Kummissjoni ddeterminat ukoll jekk ġewx irrispettati l-kundizzjonijiet tal-punt 51.1(b) (applikabbli b'analoġija skond il-punt 52 tal-linji ta' gwida).

(70) Il-punt 51.1(b) jiddikjara li d-deċiżjonijiet ta' eżenzjoni li jkopru perjodu ta' għaxar snin bl-ebda digressività jistgħu jkunu ġġustifikati f'żewġ każi u jispeċifika żewġ kundizzjonijiet oħra li jridu jiġu sodisfatti: (a) fejn it-tnaqqis jikkonċerna taxxa Komunitarja, l-ammont effettivament imħallas mid-ditti wara t-tnaqqis irid jibqa' ogħla mill-ammont minimu Komunitarju sabiex id-ditti jkollhom inċentiv ħalli jtejbu l-ħarsien ambjentali; (b) fejn it-tnaqqis jikkonċerna taxxa domestika imposta fin-nuqqas ta' taxxa Komunitarja, id-ditti eliġibbli għat-tnaqqis, minkejja dan, iridu jħallsu proporzjon *sinifikanti* mit-taxxa nazzjonali. Alternattivament, il-linji ta' gwida ambjentali jeħtieġu li jkun hemm stabbiliti miżuri alternattivi (eż. ftehimiet volontarji), li mhux il-każ hawnhekk.

(71) Rigward it-tliet prodotti kkonċernati, jiġifieri ż-żejt għat-tisħin, il-gass naturali u l-gass likwidu, il-livell oriġinali ta' tassazzjoni applikat qabel iż-żieda fit-taxxa fl-1999 qabeż il-livell minimu Komunitarju:

Għaż-żejt għat-tisħin, ir-rata fiskali minima Komunitarja kienet ta' EUR 18,00/1 000 l ([16]) għas-snin 2001-2003 u ta' EUR 21,00/1 000 l ([17]) għas-snin 2004-2006 u għalhekk kienet taħt il-livell oriġinali ta' tassazzjoni ta' EUR 40,90/1 000 l.

Għall-gass naturali, ir-rata fiskali minima Komunitarja kienet ta' EUR 0,54/MWh għas-snin 2004-2006 u għalhekk kienet taħt il-livell oriġinali ta' tassazzjoni ta' EUR 1,87/MWh.

Għall-gass likwidu, ir-rata fiskali minima Komunitarja kienet ta' EUR 0/1 000 kg u għalhekk kienet taħt il-livell oriġinali ta' tassazzjoni ta' EUR 25,56/1 000 kg.

(72) Rigward [kelma nieqsa] il-fjuwils għat-tisħin li *ma kinux* suġġetti għal livell minimu Komunitarju matul is-snin 2001-2003, it-tieni inċiż tal-punt 51.1(b) tal-Linji gwidi tal-Komunità dwar l-għajnuna ta' l-istat għall-ħarsien ta' l-ambjent ta' l-2001 jeħtieġ li l-kumpaniji li rċevew benefiċċju jħallsu proporzjon sinfikanti mit-taxxa nazzjonali. Ir-raġuni għal dan huwa biex jitħallew b'inċentiv sabiex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom. Fil-prattika tal-Kummissjoni, qed jidher biċ-ċar li, b'mod ġenerali 20 %, jew il-livell minimu Komunitarju li japplika għall-użi ta' l-enerġija li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttivi rispettivi jista' jitqies bħala proporzjon sinifikanti.

(73) Anki jekk wieħed iqis l-ogħla rata fiskali nazzjonali applikabbli fil-perjodu in kwistjoni, jiġifieri EUR 5,5/MWh, fis-sena 2003, il-limitu ta' 20 % jammonta biss għal EUR 1,1/MWh, u għalhekk jibqa' taħt il-livell oriġinali ta' tassazzjoni, jiġifieri EUR 1,87/MWh.

(74) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li, sakemm it-tnaqqis tat-taxxa ma jmurx lilhinn mil-livelli oriġinali ta' tassazzjoni qabel iż-żieda fl-1999, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 51.1 b jiġu sodisfatti.

(75) Rigward iż-żejt għat-tisħin, għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-parti tat-tnaqqis tat-taxxa li tmur lilhinn mir-rata oriġinali (jiġifieri EUR 40,90/1 000 l) mhix kompatibbli, u li l-parti tat-tnaqqis 'il fuq mir-rata oriġinali (it-tnaqqis minn EUR 61,35/1 000 l sa EUR 40,90/1 000 l) hija kompatibbli mas-suq komuni.

(76) Rigward il-gass naturali, għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-parti tat-tnaqqis tat-taxxa, li tmur lilhinn mir-rata oriġinali (jiġifieri EUR 1,87/MWh) mhix kompatibbli, u li l-parti tat-tnaqqis 'il fuq mir-rata oriġinali (it-tnaqqis minn EUR 3,476/MWh għas-snin 2001 u 2002 u minn EUR 5,5/MWh għas-snin 2003 sa 2006 sa EUR 1,87/MWh) hija kompatibbli mas-suq komuni.

(77) Rigward il-gass likwidu, għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-parti tat-tnaqqis tat-taxxa, li tmur lilhinn mir-rata oriġinali (jiġifieri EUR 25,56/1 000 kg) mhix kompatibbli, u li l-parti tat-tnaqqis 'il fuq mir-rata oriġinali (it-tnaqqis minn EUR 38,34/1 000 kg għas-snin 2001 u 2002 u minn EUR 60,60/1 000 kg għas-snin 2003 sa 2006) hija kompatibbli mas-suq komuni.

([16]) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [traduzzjoni mhux uffiċjali].

([17]) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 4(1) flimkien mat-Tabella C fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

(78) Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna mogħtija fis-snin 2001-04 ingħatat bi ksur ta' l-Artikolu 93(2) tat-Trattat tal-KE (issa l-Artikolu 88(2)) mingħajr ma ġiet irreġistrata fi żmien xieraq mal-Kummissjoni u mingħajr ma kienet mistennija d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

(79) Il-Ġermanja qed targumenta li l-Kummissjoni kienet taf bl-għajnuna sa mid-29 ta' Awwissu 2001, imma li l-Kummissjoni ma tatx bidu għall-proċeduri skond l-Artikolu 88(2) tat-Trattat tal-KE qabel it-22 ta' Ottubru 2005. Skond il-Ġermanja, din id-deċiżjoni waslet tard wisq u b'referenza għall-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ma tistax tkun irrikonċiljata mal-prinċipji ta' amministrazzjoni xierqa. Il-Ġermanja għalhekk qed targumenta li l-Kummissjoni m'għadhiex aktar awtorizzata tistabbilixxi l-inkompatibbiltà ta' l-għajnuna mas-suq komuni.

(80) L-għajnuna illegali mhix eliġibbli għall-perjodi qosra ta' eżami li ġew speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Il-prinċipji ta' amministrazzjon xierqa, madanakollu, jibqgħu applikabbli. Minkejja dan, il-Kummissjoni tenfasizza li hija rriservat id-dritt li għandha biex teżamina l-għajnuna taħt skrutinju fid-Deċiżjoni C(2002) 441 finali tagħha tat-13 ta' Frar 2002 li kienet indirizzata lill-Ġermanja.

(81) Mid-data ċċitata mill-Ġermanja (id-29 ta' Awwissu 2001) sa ma nbdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali (l-20 ta' Ottubru 2005), il-Kummissjoni indirizzat mill-inqas tliet talbiet għal informazzjoni lill-Ġermanja u organizzat laqgħa mar-rappreżentanti mill-Ġermanja. Barra minn hekk, ma kienx qabel dan il-perjodu li l-Kummissjoni saret taf biż-żewġ estensjonijiet tar-rifużjoni fiskali, b'sentejn f'kull każ. Matul l-istess perjodu, il-Ġermanja indirizzat mhux inqas minn ħames komunikazzjonijiet b'informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni. Is-sempliċi fatt li matul il-perjodu in kwistjoni l-Ġermanja bagħtet ħames komunikazzjonijiet lill-Ġermanja jipprova li kienet anki l-fehma tal-Ġermanja li l-informazzjoni ma kinitx biżżejjed kompluta biex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu deċiżjoni dwar dan il-każ. Billi tiġi ċċitata s-sentenza RSV mhux se jbiddel dan il-fatt. Il-każ sottostantanti dik is-sentenza huwa differenti. F'dak il-każ, il-Kummissjoni mhux biss diġà kellha għarfien dettaljat ta' l-għajnuna (li mhux il-każ din id-darba), imma diġà kienet ħadet deċiżjoni dwar il-miżura bażika. Anki jekk titqies il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, għalhekk mhemm l-ebda dubju li l-Kummissjoni naqset milli tieħu azzjoni. L-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ma nkisirx.

(82) Rigward il-parti nnotifikata ta' l-għajnuna (l-ex numru N 189/05), la l-Ġeramnja u lanqas il-partijiet terzi interessati ma argumentaw li kien hemm ksur speċifiku tal-perjodi ta' eżami kif jissemma fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Barra minn hekk, il-Ġermanja ma applikatx il-proċedura pprovduta skond l-Artikolu 5(3) ta' dak ir-Regolament.

(83) Għalhekk, l-argumenti tal-Ġermanja rigward l-applikazzjoni konkreta tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ma jistgħux jiġu aċċettati.

(84) Il-Kummissjoni tosserva li, skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 [issa l-Artikolu 88] tat-Trattat tal-KE ([18]), kwalunkwe għajnuna illegali li jinsab li tkun inkompatibbli mas-suq komuni u li ngħatat skond l-iskema in kwistjoni trid tiġi rkuprata.

(85) L-Artikolu 14(1) jipprovi dan li ġej: "Il-Kummissjoni m'għandhiex teħtieġ [l-irkupru] ta' l-għajnuna jekk dan ikun kuntrarju għal prinċipju ġenerali tal-liġi tal-Komunità." Il-Kummissjoni hija meħtieġa tqis, fuq l-inizjattiva tagħha, ċirkustanzi eċċezzjonali li jipprovdu tali ġustifikazzjoni ([19]).

(86) Għandu jkun eżaminat jekk, f'dan il-każ, kwalunkwe prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipju ta' l-aspettativi leġittimi jew taċ-ċertezza legali, jistax jiġi applikat sabiex jipprekludi l-irkupru mingħand il-benefiċjarji ta' l-għajnuna illegali u inkompatibbli.

(87) Il-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi huwa prinċipju ġenerali mħares mid-dritt Komunitarju. Biex ikun hemm aspettattivi leġittimi, huma meħtieġa assigurazzjonijiet preċedenti mogħtija mill-amministrazzjoni tal-Kummissjoni rigward il-legalità ta' ċerta miżura. Għalhekk, irid ikun hemm att jew imġiba min-naħa ta' l-amministrazzjoni Komunitarja li tista' tagħti lok għal tali aspettattiva ([20]).

([18]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([19]) Il-Kawża 223/85 Rijn-Schelde-Verolme (RSV) Machinefabrieken en Scheepswerven NV vs Il-Kummissjoni, [1987] ECR 4617.
([20]) Il-Kawża C-265/85 Van den Bergh en Jurgens vs Il-Kummissjoni, [1987] ECR 1155, il-paragrafu 44; il-Kawża C-152/88 Sofrimport vs Il-Kummissjoni, [1990] ECR I-2477, il-paragrafu 26; il-Kawża T-290/97 Mehibas Dordtselaan vs Il-Kummissjoni, [2000] ECR II-15, il-paragrafu 59; il-Kawża T-223/00 Kyowa Hakko Kogyo vs Il-Kummissjoni, [2003] ECR II-2553, il-paragrafu 51.

(88) Skond il-ġurisprudenza, il-prinċipju taċ-ċertezza legali jinkiser meta ċ-ċirkustanzi ta' inċertezza u ta' nuqqas ta' ċarezza jwasslu biex tinħoloq sitwazzjoni ekwivoka li l-Kummissjoni jmissha tiċċara qabel ma tkun tista' tieħu kwalunkwe azzjoni jew tordna l-irkupru ([21]).

(89) Il-Ġermanja ma wrietx speċifikatament għaliex l-irkupru fih innifsu m'għandux ikun kompatibbli ma' amministrazzjoni xierqa. Skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999, l-għajnuna li titqies li hija illegali u inkompatibbli mas-suq komuni trid tiġi rkuprata bħala kwistjoni ta' prinċipju.

(90) L-unika eċċezzjoni għal dan huma l-każi fejn l-irkupru jikser prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju. Mhu apparenti l-ebda ksur ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, u b'mod partikolari, kwalunkwe aspettattiva leġittima min-naħa tal-Ġermanja la kienet ibbażata fuq sisien sodi u lanqas jixirqilha ħarsien. Ma kinitx ibbażata fuq sisien sodi għaliex l-għajnuna ma kinitx innotifikata. Il-Ġermanja, għalhekk, ma setax ikollha aspettattivi leġittimi fl-eżistenza ta' dik l-għajnuna. Dan japplika aktar u aktar għaliex bl-ittra li ssemmiet aktar 'il fuq tat-13 ta' Frar 2002 il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-Ġermanja rigward il-possibbiltà li l-għajnuna setgħet tiġi kkontrollata. Skond il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, negozjant prudenti seta' u missu saqsa lill-awtoritajiet Ġermaniżi jekk l-għajnuna ġietx innotifikata u għalhekk seta' sar jaf li kien hemm riskju ta' domanda possibbli għall-irkupru ([22]). Jekk deliberatament jew minħabba negliġenza naqas milli jistaqsi dan, l-aspettattivi leġittimi tiegħu ma jixirqilhomx ħarsien.

(91) B'reazzjoni għall-oġġezzjoni tal-Ġermanja li, minħabba d-dikjarazzjonijiet verbali ta' l-uffiċċjali tal-Kummissjoni, il-Ġermanja ħadet l-impressjoni li l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq komuni, il-Kummissjoni tosserva li hija biss, taħt ir-responsabbiltà tal-Kulleġġ, hija awtorizzata tieħu tali deċiżjonijiet. Tinnota wkoll li mhemm l-ebda dokument tal-Kummissjoni minn fejn jista' jiġi konkluż li l-għajnuna in kwistjoni hija kompatibbli mas-suq komuni.

(92) B'reazzjoni għall-oġġezzjoni li fil-każ ta' rkupru possibbli numru kbir ta' intrapriżi jkunu mhedda b'falliment, il-Kummissjoni tirrepeti li l-irkupru ta' parti mill-għajnuna huwa meħtieġ sabiex ikun jista' jerġa' jiġi stabbilit l-*istatus quo ante*, jiġifieri siwtazzjoni mingħajr kompetizzjoni mgħawġa. Jekk dan ifisser li l-intrapriżi individwali ma jkunux vijabbli, mela dak ikun biss riżultat ta' kompetizzjoni li qed issir f'kundizjonijiet ta' ekonomija tas-suq.

(93) Mill-kunsiderazzjonijiet ifformulati f'din id-deċiżjoni, jidher ċar li l-irkupru tas-sussidji in kwistjoni ma jistax jiġi revokat minħabba raġunijiet ta' ċertezzi legali.

(94) Fil-prinċipju, ir-rifużjonijiet fiskali mogħtija jridu jiġu rkuprati b'mod sħuħ fejn tqies li dawn jikkostitwixxu għajnuna li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

(95) Id-deċiżjoni tikkonċerna r-rifużjoni fiskali in kwistjoni u, inkluż l-irkupru, trid titwettaq mingħajr dewmien skond l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE.

(96) Skond l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, fejn f'każi ta' għajnuna illegali jittieħdu deċiżjonijiet negattivi, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat jrid jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mingħand il-benefiċjarju. Għalhekk, il-Ġermanja trid tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna inkompatibbli mogħtija. Il-Ġermanja trid titlob lill-benefiċjarji kkonċernati biex iħallsu lura l-għajnuna fi żmien xahrejn wara l-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata tinkludi l-imgħax, ikkalkulat skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.

(97) Minkejja dan, kwalunkwe għajnuna individwali mogħtija skond din l-iskema li, meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolamenti tal-Kummissjoni li ġew adottati fuq il-bażi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 jew permezz ta' kwalunkwe skema ta' għajnuna approvata oħra hija kompatibbli mas-suq komuni sa l-ammont ta' l-intensitajiet ammissibbli.

(98) Barra minn hekk, l-esperjenza tal-Kummissjoni wriet li ammonti ferm żgħar ta' għajnuna mogħtija bla ħsara għal ċerti kundizzjonijiet ma jaqgħux taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

([21]) Kawża T-308/00 Salzgitter AG vs Il-Kummissjoni, għadha mhix ippubblikata, il-paragrafu 180.
([22]) Deufil Gmbh & Co. KG vs Il-Kummissjoni [1987] ECR 901.

(99) Skond ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 ([23]), għajnuna li ma taqbiżx l-EUR 3 000 għal kull benefiċjarju tul tliet snin (dan l-ammont jinkludi l-għajnuna *de minimis* mogħtija lil kwalunkwe intrapriża waħdanija) ma taffetwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u ma tgħawwiġx jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni u għalhekk ma taqax taħt l-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(100) Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004, l-istess japplika għal għajnuna mogħtija qabel ma jidħol fis-seħħ, dejjem jekk ir-rekwiżiti ta' l-Artikoli 1 u 3 tiegħu jiġu sodisfatti.

(101) Fl-1 ta' Jannar 2008, ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 1535/2007 ta' l-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli ([24]), li jżid l-ammont ta' l-għajnuna *de minimis* għal EUR 7 500 għal kull benefiċjarju tul kwalunkwe perjodu ta' tliet snin fiskali, irrispettivament mill-forma ta' l-għajnuna jew mill-għan segwit, fil-limiti ta' ammont massimu għal kull Stat Membru li jikkorrispondi għal 0,6 % tal-valur tal-produzzjoni annwali.

(102) L-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament jipprovdi li "dan ir-Regolament japplika għall-għajnuniet konċessi qabel l-1 ta' Jannar 2008 lill-intrapriżi tas-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli, bil-kundizzjoni li l-imsemmija għajnuniet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 sa 4, ħlief għar-rekwiżit ta' referenza espliċita għal dan ir-Regolament, imsemmija fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(1)".

(103) L-Artikolu 6(2) ta' l-istess Regolament jipprovdi li "kwalunkwe għajnuna *de minimis* mogħtija bejn l-1 ta' Jannar 2005 u sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, li tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 applikabbli għas-settur tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, titqies li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat u għalhekk hija eżentata mill-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 88(3) tat-Trattat".

(104) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tqis li tnaqqis tat-taxxa sa ammont massimu ta' EUR 3 000 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004 fiż-żmien meta jkun ingħata, u li tnaqqis tat-taxxa sa l-ammont massimu ta' EUR 7 500 ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat jekk ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1535/2007 fiż-żmien meta jkun ingħata.

## VI. **KONKLUŻJONIJIET**

(105) L-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-intrapriżi agrikoli u tal-forestrija għat-tisħin tas-serer jew taż-żoni mgħottija għall-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' skond il-*Liġi li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali* u l-*Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika*, li ddaħħlu fis-seħħ b'mod illegali min-naħa tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja bi ksur ta' l-Artikolu 88(3) tat-Trattat, jew l-għajnuna li biħsiebha tagħtihom skond il-Liġi dwar l-Implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida, b'dan qed titqies bħala inkompatibbli mas-suq komuni sal-punt li jissemma fil-punti 75 sa 77 ta' din id-Deċiżjoni u, fejn ingħatat, trid tiġi rkuprata għall-perjodu rilevanti.

(106) Fl-aspetti l-oħra kollha, l-għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tat lill-intrapriżi agrikoli u tal-forestrija għat-tisħin tas-serer jew taż-żoni mgħottija għall-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' skond il-*Liġi li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali* u l-*Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika* jew l-għajnuna li biħsiebha tagħtihom skond il-Liġi dwar l-Implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida, b'dan qed titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iskema ta' l-għajnuna mill-Istat li ġiet applikata jew li biħsieba tapplika l-Ġermanja għall-intarpriżi agrikoli u tal-forestrija għat-tisħin għat-tisħin tas-serer jew taż-żoni mgħottija għall-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' skond il-*Liġi li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali* u l-*Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika* u l-*Liġi dwar l-Implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida* hija inkompatibbli mas-suq komuni rigward il-parti tat-tnaqqis tat-taxxa li tmur lilhinn mir-rata oriġinali ta' EUR 40,90/1 000 l għall-fjuwil tat-tisħin, ta' EUR 1,87/MWh għall-gass naturali, u ta' EUR 25,56/1 000 kg għall-fjuwil likwidu.

([23]) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4.
([24]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.

*Artikolu 2*

L-iskema ta' l-għajnuna mill-Istat li ġiet applikata jew li biħsieba tapplika l-Ġermanja għall-intarpriżi agrikoli u tal-forestrija għat-tisħin tas-serer jew taż-żoni mgħottija għall-produzzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' skond il-*Liġi li temenda l-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali* u l-*Liġi dwar l-iżvilupp ulterjuri tar-riforma fit-taxxa ekoloġika* u l-*Liġi dwar l-Implimentazzjoni tal-Linji ta' Gwida* hija kompatibbli mas-suq komuni fl-aspetti l-oħra kollha.

*Artikolu 3*

Il-Ġermanja għandha tirtira l-parti ta' l-iskema li tissemma fl-Artikolu 1.

*Artikolu 4*

1. Il-Ġermanja għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tirkupra mingħand il-benefiċjari l-għajnuna li tissemma fl-Artikolu 1.

2. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata għandha tinkludi l-imgħax mid-data meta l-għajnuna tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji sad-data meta ġiet effettivament irkuprata.

L-imgħax għandu jkun ikkalkulat skond il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004.

3. Il-Ġermanja għandha tikkanċella l-pagamenti kollha ta' l-għajnuna li għadha ma tħallsitx li tissemma fl-Artikolu 1 b'effett mid-data ta' din id-deċiżjoni.

4. L-irkupru għandu jsir mingħajr dewmien u skond il-proċeduri tad-dritt nazzjonali, sakemm dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva ta' din id-Deċiżjoni.

5. Il-Ġermanja għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data meta ġiet innotifikata.

*Artikolu 5*

1. Il-Ġermanja għandha żżomm lill-Kummissjoni informata bil-progress tal-proċeduri nazzjonali sabiex tkun implimentata din id-Deċiżjoni sakemm dawk il-proċeduri jiġu kkompletati.

2. Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja għandha tressaq l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna skond l-iskema li tissemma fl-Artikolu 1 u l-ammont totali ta' l-għajnuna li rċieva kull wieħed minnhom skond l-iskema;

(b) l-ammont totali (l-ammont prinċipali u l-imgħax ta' l-irkupru) li għandu jiġi rkuprat mingħand kull benefiċjarju;

(ċ) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u li huma ppjanati sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(d) id-dokumenti li juru li l-benefiċjarji ġew ordnati jħallsu lura l-għajnuna.

3. Fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, il-Ġermanja, fuq it-talba tal-Kummissjoni, għandha tressaq rapport li jsemmi fid-dettall il-miżuri li ttieħdu jew li huma ppjanati sabiex ikun hemm konformità ma' din id-Deċiżjoni. Dak ir-rapport għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' l-għajnuna u l-imgħax ta' l-irkupru li kull benefiċjaru diġà ħallas lura.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 11 ta' Marzu 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

## IT-TASSAZZJONI FUQ L-ENERĠIJA

### Iż-żejt għat-tisħin

| Sena | Rata standard ta' tassazzjoni | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 1.2 flimkien ma' l-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006*: l-Artikolu 54(2)(1) flimkien ma' l-Artikolu 54(3) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 1.4 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006*: l-Artikolu 58(2)(1) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija C 39/2005 | Tassazzjoni netta | Taxxa minima ta' l-UE |
|---|---|---|---|---|---|
| | f'EUR/1 000 l | | | | |
| sal-31.3.1999 | 40,90 (1) | | | | |
| mill-1.4.1999 | 61,35 (2) | | | | |
| 2000 | 61,35 (2) | | | | |
| 2001 | 61,35 (2) | 16,36 | 40,90 | 4,09 (3) | 18,00 (5) |
| 2002 | 61,35 | 16,36 | 40,90 | 4,09 (3) | 18,00 (5) |
| 2003 | 61,35 | 8,18 | 40,90 | 12,27 (4) | 18,00 (5) |
| 2004 | 61,35 | 8,18 | 40,90 | 12,27 (4) | 21,00 (6) |
| 2005 | 61,35 | 8,18 | 40,90 | 12,27 (4) | 21,00 (6) |
| 2006 | 61,35 | 8,18 | 40,90 | 12,27 (4) | 21,00 (6) |

(1) Sal-31 ta' Marzu 1999, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq iż-żejt għat-tisħin (HEL) kienet ta' DM 80.00/1 000 litru. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

(2) Mill-1 ta' April 1999, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq iż-żejt għat-tisħin (HEL) kienet ta' DM 120.00/1 000 litru. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

(3) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu" fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €409 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali. Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkunsmat.

(4) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu"fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €205 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali (mill-1 ta' Awwissu 2006: l-Artikolu 54(3) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq l-Enerġija). Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkunsmat.

(5) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [*traduzzjoni mhux uffiċjali*].

(6) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 4(1) flimkien mat-Tabella C fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

**Il-Gass Naturali**

| Sena | Rata standard ta' tassazzjoni | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 3.2 flimkien ma' l-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006*: l-Artikolu 54(2)(2) flimkien ma' l-Artikolu 54(3) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 3.4 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006*: l-Artikolu 58(2)(2) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija<br>C 39/2005 | Tassazzjoni netta | Taxxa minima ta' l-UE |
|---|---|---|---|---|---|
| | f'EUR/MWh | | | | |
| sal-31.3.1999 | 1,87 (1) | | | | |
| mill-1.4.1999 | 3,476 (2) | | | | |
| 2000 | 3,476 (2) | | | | |
| 2001 | 3,476 (2) | 1,308 | 1,84 (3) | 0,328 (4) | mhux armonizzata |
| 2002 | 3,476 | 1,308 | 1,84 (3) | 0,328 (4) | mhux armonizzata |
| 2003 | 5,50 | 1,464 | 3,00 | 1,036 (5) | mhux armonizzata |
| 2004 | 5,50 | 1,464 | 3,00 | 1,036 (5) | 0,54 (6) (7) |
| 2005 | 5,50 | 1,464 | 3,00 | 1,036 (5) | 0,54 (6) (7) |
| 2006 | 5,50 | 1,464 | 3,00 | 1,036 (5) | 0,54 (6) (7) |

(1) Sal-31 ta' Marzu 1999, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq il-gass naturali kienet ta' DM 3.60/MWh. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

(2) Mill-1 ta' April 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq il-gass naturali kienet ta' DM 6.80/MWh. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

(3) L-ammont ta' tnaqqis ta' taxxa skond l-Artikolu 25(3a)(3.4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali ta' l-1 ta' Awwissu ta' l-2002 (Il-Gazzetta Federali tal-Liġi, Parti I, p. 2778).

(4) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu" fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €409 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali. Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkonsmat.

(5) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu" fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €205 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali. Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkonsmat.

(6) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 4(1) flimkien mat-Tabella C fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

(7) Ikkonvertiti f'MWh (Tabella C: 0.15/0.30 euro/gigajoule ibbażati fuq il-valur kalorifiku gross).

**Il-gass likwidu**

| Sena | Rata standard ta' tassazzjoni | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 4.2 flimkien ma' l-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006:* l-Artikolu 54(2)(3) flimkien ma' l-Artikolu 54(3) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija | Tnaqqis skond l-Artikolu 25(3a) l-ewwel sentenza, Nru 4.4 tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali<br>*mill-1 ta' Awwissu 2006:* l-Artikolu 58(2)(3) tal-Liġi dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija<br>C 39/2005 | Tassazzjoni netta | Taxxa minima ta' l-UE |
|---|---|---|---|---|---|
| | f'EUR/1 000 kg | | | | |
| sal-31.3.1999 | 25,56 ([1]) | | | | |
| mill-1.4.1999 | 38,34 ([2]) | | | | |
| 2000 | 38,34 ([2]) | | | | |
| 2001 | 38,34 ([2]) | 10,22 | 25,56 | 2,56 ([3]) | 0,00 ([5]) |
| 2002 | 38,34 | 10,22 | 25,56 | 2,56 ([3]) | 0,00 ([5]) |
| 2003 | 60,60 | 14,02 | 38,90 | 7,68 ([4]) | 0,00 ([5]) |
| 2004 | 60,60 | 14,02 | 38,90 | 7,68 ([4]) | 0,00 ([6]) |
| 2005 | 60,60 | 14,02 | 38,90 | 7,68 ([4]) | 0,00 ([6]) |
| 2006 | 60,60 | 14,02 | 38,90 | 7,68 ([4]) | 0,00 ([6]) |

([1]) Sal-31 ta' Marzu 1999, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq il-gass likwidu kienet ta' DM 50.00/1 000 kg. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

([2]) Mill-1 ta' April 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001, ir-rata standard ta' tassazzjoni fuq il-gass likwidu kienet ta' DM 75.00/1 000 kg. Ġew ipprovduti figuri f'ewro sabiex ikun iffaċilitat il-paragun (ir-rata tal-kambju: EUR 1 = DM 1.95583).

([3]) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu" fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €409 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali. Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkunsmat.

([4]) Għall-finijiet tas-sempliċità, il-figura tat-tassazzjoni netta ma tqisx il-"limitu minimu"fiskali (li jista' jitnaqqas) ta' €205 ipprovdut mill-Artikolu 25(4) tal-Liġi dwar it-Taxxa fuq iż-Żejt Minerali. Il-figura effettiva tat-tassazzjoni netta tiddependi mill-ammont ikkunsmat.

([5]) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali [*traduzzjoni mhux uffiċjali*].

([6]) Ir-rata minima ta' tassazzjoni li tissemma fl-Artikolu 4(1) flimkien mat-Tabella C fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

*ANNESS II*

**Informazzjoni dwar l-ammonti ta' għajnuna li ġew riċevuti, li għandhom jiġu rkuprati u li diġà ġew irkuprati**

| L-identità tal-benefiċjarju | L-ammot totali ta' l-għaj-nuna riċevuta skond l-iskema (°) | L-ammont totali ta' l-għajnuna li għandha tiġi rkuprata (°)<br>(l-ammont prinċipali) | L-ammont totali ta' l-għajnuna li diġà ġie rkuprat (°) | |
|---|---|---|---|---|
| | | | L-ammont prinċipali | L-imgħax ta' l-irkupru |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

(°) Il-munita nazzjonali f'miljuni.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-2 ta' April 2008

## dwar l-għajnuna mill-Istat C 38/07 (ex NN 45/07) implimentata minn Franza favur d'Arbel Fauvet Rail SA

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1089)*

**(Il-verżjoni bil-Franċiż biss hija awtentika)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/716/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom f'konformità ma' l-Artikoli msemmija hawn fuq [1],

Billi:

### 1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' lment, il-Kummissjoni ġiet infurmata dwar ċerti miżuri ta' appoġġ implimentati minn Franza favur il-kumpanija Arbel Fauvet Rail ("AFR"). Permezz tal-komunikazzjonijiet bid-data tat-28 ta' Jannar 2006, il-25 ta' Ottubru 2006, it-30 ta' Jannar 2007 u s-6 ta' Ġunju 2007, Franza ppreżentat aktar informazzjoni.

(2) B'ittra tas-12 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni informat lil Franza bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura ta' eżami formali prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward ta' din l-għajnuna.

(3) Franza ppreżentat kummenti permezz ta' komunikazzjoni fit-12 ta' Ottubru 2007 u fit-18 u d-19 ta' Diċembru 2007.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ din il-proċedura ġiet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżura kkonċernata.

(5) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati.

### 2. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA TA' L-GĦAJNUNA

#### 2.1. Il-benefiċjarju għandu

(6) AFR hija kumpanija ta' kostruzzjoni ferrovjarja speċjalizzata fil-bini tal-vaguni ta' tagħbija u tankijiet-kontenituri. Din hija waħda mill-produtturi ewlenin tas-suq Ewropew tal-materjal ferrovjarju bir-roti. Il-kumpanija hija stabbilita f'Douai (fit-Tramuntana) u bħalissa timpjega madwar 265 persuna.

(7) Fl-2005, AFR kienet tappartjeni 100 % lill-kumpanija Arbel SA [3]. Dak iż-żmien AFR kienet timpjega madwar 330 persuna.

(8) L-AFR tmexxiet bit-telf għal bosta snin. Id-diffikultajiet ekonomiċi tal-kumpanija żdiedu mill-2001. Din it-tendenza aggravat ruħha bejn l-2002 u l-2005. It-tabella t'hawn taħt turi xi indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ta' AFR fil-perjodu ta' qabel l-għoti ta' l-għajnuna.

*(f'EUR)*

| | Fil-31.12.2004 | Fil-31.12.2003 | Fil-31.12.2002 | Fil-31.12.2001 |
|---|---|---|---|---|
| Valur tal-bejgħ | 22 700 000 | 42 700 000 | 42 000 000 | 70 000 000 |
| Riżultat net | − 11 589 620 | − 14 270 634 | − 2 083 746 | − 10 500 000 |
| Kapitali proprji | − 21 090 000 | − 23 000 000 | − 8 700 000 | − 6 600 000 |

(1) ĠU C 249, 24.10.2007, p. 17.

(2) Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

(3) Fid-29 ta' Ġunju 2007, AFR reġgħet ittieħdet mill-Kumpanija IGF Industries. L-isem kummerċjali tagħha nbidel fi "IGF Industries – Arbel Fauvet Rail".

### 2.2. **Miżuri ta' appoġġ**

(9) Fl-4 ta' Lulju 2005, ir-Reġjun Nord-Pas-de Calais u l-Komunità ta' Agglomerazzjoni ta' Douaisis taw avvanz rimborsabbli konġunt ta' EUR 1 miljun kull wieħed lil AFR, jiġifieri 2 miljun ewro b'kollox.

(10) Skond l-informazzjoni li ngħatat mill-awtoritajiet Franċiżi, it-termini ta' l-avvanzi kienu dawn:

— L-avvanz rimborsabbli tar-Reġjun ingħata b'rata ta' interessi annwali ta' 4,08 % (ekwivalenti għal rata ta' referenza komunitarja applikabbli meta saret l-għotja) taħt riserva ta' "monitoraġġ" tal-pjan ta' finanzjament li qed jiġi elaborat minn AFR. L-avvanz kien rimborsabbli permezz ta' pagamenti semestrali matul perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2006. Skond l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, dawn l-avvanzi għadhom ma ngħatawx lura integralment.

— L-avvanz tal-Komunità ta' Agglomerazzjoni ta' Douaisis ingħatat b'rata ta' interessi annwali ta' 4,08 % (ekwivalenti għar-rata ta' referenza komunitarja applikabbli meta saret l-għotja) taħt kundizzjoni ta' ħlas ta' l-avvanz rimborsabbli bl-istess kundizzjonijiet mir-Reġjun kif ukoll bil-prova ta' l-amalgamazzjoni irrevokabbli bejn AFR u Lormafer, kumpanija oħra kkontrollata minn Arbel SA. Dan l-avvanz kien ukoll rimborsabbli b'pagamenti semestrali matul perjodu ta' tliet snin mill-1 ta' Jannar 2006.

## 3. **RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TA' DIN IL-PROĊEDURA FORMALI TA' EŻAMI**

(11) Bid-deċiżjoni ta' bidu ta' proċedura, il-Kummissjoni tqis li l-avvanzi rimborsabbli huma għajnuna mill-Istat fit-tifsira ta' l-Artikolu 87(1), tat-Trattat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni enfasizzat partikolarment li l-miżuri jagħtu vantaġġ lil AFR sa fejn l-impriża, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, ma kinetx tkun tista' tikseb il-fondi b'kundizzjonijiet daqshekk favorevoli fis-suq finanzjarju.

(12) Il-Kummissjoni tqis ukoll li AFR kienet impriża f'diffikultà fis-sens tal-Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà (minn hawn 'l quddiem "il-Linji Gwida") ([4]) u li, minkejja, il-kumpatibbiltà ta' l-Għajnuna mill-Istat li minnha kienet ibbenefikat kellha tkun evalwata fid-dawl tal-Linji Gwida. Il-Kummissjoni esprimiet dubju dwar il-kumpatibbiltà ta' l-għajnuna mas-suq komuni fid-dawl tal-Linji Gwida.

([4]) ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2.

## 4. **KUMMENTI MINN FRANZA**

(13) L-awtoritajiet Franċiżi ddikjaraw li jekk AFR kienet għaddejja minn fażi diffiċli fil-perjodu li fih ingħataw avvanzi rimborsabbli li mbagħad tħallsu (jiġifier Lulju u t-tieni semestru ta' l-2005), il-kumpanijia dejjem żammet il-fiduċja tal-klijenti u l-bankiera tagħha.

(14) Bħala appoġġ għal dawn id-dikjarazzjonijiet, l-awtoritajiet Franċiżi semmew dawn l-elementi, ikkwalifikati bħala "sinjali ta' fiduċja" tal-klijenti u tal-banek fir-rigward ta' AFR:

— il-bank […] (*) ta żieda ta' overdraft ta' 2 miljun ewro fuq il-kont kurrenti ta' AFR (garantit mill-[…]);

— AFR irċeviet 7 miljun ewro f'pagamenti mill-klijenti tagħha (garantiti minn […]) (*), li magħhom iridu jiżdiedu 4 miljun ewro f'pagamenti ġodda f'Jannar 2006;

— fl-istess ħin l-impriża bbenefikat minn garanziji tal-fornituri ta' 4 miljun ewro minn […] (*).

(15) L-awtoritajiet franċiżi appoġġjaw il-kummenti tagħhom b'dokumenti li kien fihom notevolment:

— ir-rata ta' interess ta' *overdraft* kienet ta' 4,4199 % fl-1 ta' Lulju 2005;

— l-ammont ta' diversi garanziji (fornituri, garanziji tas-suq, garanziji finanzjarji) ipprovduti minn […] (*) favur AFR kien ta' 29 miljun ewro fis-6 ta' Mejju 2005.

## 5. **EVALWAZZJONI TA' L-GĦAJNUNA FIR-RIGWARD TA' L-ARTIKOLU 87 TAT-TRATTAT**

### 5.1. **Eżistenza ta' Għajnuna mill-Istat**

5.1.1. *Riżorsi ta' l-Istat*

(16) L-Artikolu 87(1) tat-Trattat tal-KE, jgħid li kwalunkwe għajnuna fi kwalunkwe forma li tkun mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq komuni, ħlief jekk stipulat mod ieħor fit-Trattat.

(17) F'dak li jirrigwarda l-avvanzi rimborsabbli, il-Kummissjoni tenfasizza dan li ġej.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

(18) L-Artikolu 87 tat-Trattat ma japplikax biss għall-għajnuna mogħtija mill-gvernijiet nazzjonali ta' Stati Membri, iżda wkoll għal għajnuna minn awtoritajiet lokali u reġjonali bħar-reġjun Nord-Pas-de-Calais jew il-muniċipalitajiet tal-Komunità ta' Agglomerazzjoni ta' Douaisis. Il-fondi ta' dawn il-kolletivitajiet huma riżorsi ta' l-Istat u d-deċiżjonijiet tagħhom li jingħataw l-avvanzi in kwistjoni lil AFR huma r-responsabbiltà ta' l-Istat.

5.1.2. *Għajnuna favur ċerti impriżi*

(19) L-avvanzi ngħataw meta AFR kienet f'sitwazzjoni finanzjarja delikata. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat li AFR, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha msemmija f'punt 8, kienet impriża f'diffikultà skond il-Linji Gwida meta ngħatat l-għajnuna. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li l-avvanzi kienu ngħataw mingħajr l-ebda garanzija li tiggarantixxi r-rimbors tagħhom, filwaqt li r-rati ta' interessi applikati huma meqjusa ekwivalenti għar-rati applikabbli għas-self "marbuta ma' garanziji normali" ([5]). Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li huwa eskluż li AFR, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, kienet tkun f'pożizzjoni li tikseb il-fondi b'kundizzjonijiet daqshekk favorevoli fis-suq tal-kreditu. Għalhekk, l-avvanzi kkonċernati huma vantaġġ favur AFR.

(20) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-awtoritajiet Franċiżi stqarru, bl-appoġġ ta' l-eżempju msemmija fil-punt 14, li AFR kienet għadha tibbenefika mill-fiduċja tal-bankiera u l-klijenti tagħha meta ngħatatilha l-għajnuna. Il-Kummissjoni tinterpreta dawn il-kummenti fis-sens li Franza tikkuntesta li AFR kienet f'pożizzjoni li ma tiksibx il-fondi b'kundizzjonijiet simili fis-suq tal-kreditu (li jfisser li l-avvanzi rimborsabbli li taw vantaġġ lil AFR) u konsegwentement, li AFR kienet impriża f'diffikultà skond it-tifsira tal-Linji Gwida meta ngħataw l-avvanzi rimborsabbli.

(21) Il-kummenti ta' Franza ma jistgħux ibiddlu l-analiżi li saret fid-deċiżjoni tal-bidu ta' proċedura, minħabba dawn ir-raġunijiet.

(22) L-eżempji ta' krediti msemmija mill-awtoritajiet Franċiżi (notevolment l-awtorizzazzjoni ta' overdraft tal-kont kurrenti u l-pagamenti tal-klijenti) ma jistgħux jiġu mqabbla ma' l-avvanzi rimborsabbli in kwistjoni. L-overdraft ta' kont kurrenti huwa kreditu għal żmien qasir ħafna, mhux bħall-avvanzi rimborsabbli li jinfirxu fuq tliet snin. Għalhekk, dawn il-forom differenti ta' kreditu m'humiex suġġetti għall-istess analiżi ta' riskju minn kredituri, u l-fatt li debitur jista' jikseb self għal żmien qasir m'huwiex biżżejjed biex wieħed jevalwa jekk jistax jikseb self ta' żmien itwal, li l-ħlas tiegħu jiddependi fuq il-kapaċità ta' soppravvivenza tad-debitur.

(23) F'dak li jirrigwarda l-pagamenti bil-quddiem mill-klijenti, il-Kummissjoni tinnota li dawn kienu ngħataw minn […] (*), istituzzjoni independenti, li jfisser li l-konsumaturi u l-fornituri ma kienux qed jieħdu riskji f'konnessjoni mas-sitwazzjoni finanzjarja ta' AFR u għalhekk ma kellhomx raġuni biex jissottomettu l-pagament ta' dawn l-avvanzi għal analiżi tas-solidità finanzjarja ta' l-impriża simili għal analiżi li kieku kienet issir minn kreditur li jkun qed jikkunsidra l-għoti ta' self bla garanziji.

(24) Bħala konklużjoni, il-kummenti ta' Franza ma jwasslux għall-konklużjoni li AFR kienet tkun f'pożizzjoni li tikseb fondi b'kundizzjonijiet simili fis-suq tal-kreditu.

5.1.3. *Impriża f'diffikultà*

(25) F'dak li jirrigwarda l-kwalifika ta' AFR bħala impriża f'diffikultà skond il-Linji Gwida, il-Kummissjoni tiddikjara li:

(26) Il-Punt 10a) tal-Linji Gwida jgħid li impriża f'diffikulta fejn iktar minn nofs tal-kapital azzjonarju jisparixxi, li minnu iktar minn kwart ta' dan il-kapital ikun intilef matul l-aħħar tnax-il xahar. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-assunzjoni li impriża li titlef ammont kbir tal-kapital azzjonarju ma tkunx kapaċi tirkupra t-telf li jwasslu għal mewt ekonomika kważi ċerta f'terminu qasir jew medju. Il-Kummissjoni tqis li din il-preżunzjoni, loġikament, tapplika konsegwentement għal impriża li tkun tilfet l-integralità tal-kapital azzjonarju tagħha u tippreżenta kapitali proprji negattivi.

(27) Kif jidher mid-*data* finazjarja mniżżla fil-punt 8 (li ma kinux ikkontestati minn Franza matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali), AFR kien kellha kapital u riżervi negattivi mill-2001 u ma kinetx, f'dak iż-żmien li ngħatat l-għajnuna, f'pożizzjoni li tbiddel din ix-xejra u tmur lura għal kapitali u riservi proprji pożittivi. F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li AFR kienet impriża f'diffikultà skond it-tifsira tal-punt 10 tal-linji gwida meta ngħatat l-għajnuna.

([5]) Avviż tal-Kummissjoni fuq il-metodu tat-twaqqif tar-referenza u ta' skont (ĠU C 273, 9.9.1997, p. 3).

(28) Alternattivament, il-Kummissjoni tinnota li AFR, fl-istess ħin li ngħatat l-għajnuna, kienet taqa' wkoll taħt id-definizzjoni ta' impriża f'diffikultà stipulata fil-punt 11 tal-linji gwida, li jgħid li anke meta l-ebda miċ-ċirkostanzi stipulati fil-punt 10 m'huma preżenti, impriża xorta tista' tiġi kkunsidrata f'diffikultà, b'mod partikolari f'każijiet fejn l-indikaturi tipiċi ta' impriża f'sitwazzjoni diffiċli, bħal telf jiżdied u profitt jonqos. Madankollu l-punt 11 jipprevedi li impriża f'diffikultà hija biss eliġibbli wara li turi l-evidenza li m'hijiex kapaċi tiżgura l-irkupru tagħha bir-riżorsi proprji, jew b'fondi mill-proprjetarji u azzjonarji jew sorsi fis-suq. Għalhekk din id-dispożizzjoni tfakkar li d-definizzjoni ta' impriża f'diffikultà għandha ssir fir-rigward tal-provi kollha relevanti, iżda għandu jingħata piż sinifikanti għall-kapaċità ta' l-impriża li tirkupra mingħajr għajnuna mill-Istat.

(29) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota (kif huwa evidenti fit-tabella fil-punt 8) li, mill-2001, id-dħul ta' AFR waqa' b'mod konsistenti filwaqt li t-telf baqa' jippersisti. Dawn huma sinjali karatteristiċi ta' impriża f'diffikultà skond il-punt 11 tal-linji gwida. Fid-deċiżjoni tagħha li tibda proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni kienet diġà nnutat dawn is-sinjali fl-appoġġ tal-konklużjoni preliminari li AFR kienet impriża f'diffikultà. Barra minn hekk, ix-xejra negattiva tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' AFR hija ċara mill-fatt li minn Jannar 2004 'l quddiem, l-impriża ma setgħetx tħallas EUR 4,3 miljuni taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mid-data dovuta u għalhekk kellha titlob lill-awtoritajiet kompetenti għal moratorium u għal soluzzjonijiet biex toħroġ mid-dejn.

(30) L-uniċi elementi msemmija minn Franza li setgħu jikkostitwixxu indikaturi fis-sens kuntrarju huma l-krediti mogħtija lil AFR (overdraft ta' kont kurrenti u avvanzi) kif ukoll, il-fatt li AFR kienet tibbenefika minn ċerti garanziji minn […] (*). Il-Kummissjoni tqis li jaqbel li jiġu kkunsidrati dawn is-sinjali fil-qafas ta' l-eżami, rikjest mill-punt 11 tal-linji gwida, fil-kapaċità ta' l-impriża li tirkupra bl-għajnuna ta' fondi li jista' jkollu fis-suq finanzjarju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tiddikjara dan li ġej:

— il-fatt li AFR kellha kapital u riservi negattivi jfisser li ma setgħetx tegħleb id-diffikultajiet tagħha bir-riżorsi tagħha stess;

— l-awtoritajiet Franċiżi indikaw li l-azzjonarju ta' AFR, Arbel SA, minkejja l-kontribut tiegħu fl-appoġġ ta' AFR, ma kienx kapaċi jiggarantixxi l-irkupru tas-sussidjarja tiegħu waħdu;

— Fl-aħħarnett, f'dak li jirrigwarda s-sorsi finanzjarji tas-suq, ta' min jinnota li l-krediti u garanziji msemmija minn Franza juru sew li AFR kellha ċerta ħila li tikseb il-krediti għal ammonti limitati u għal terminu qasir. Madankollu, minħabba l-kwantità tad-diffikultajiet ta' AFR, b'mod partikolari l-bżonn tagħha għal kapital u riservi, is-self imsemmija m'humiex suffiċjenti biex jikkonkludu li AFR ma setgħetx tirrimedja għad-diffikultajiet tagħha permezz ta' fondi mis-sorsi tas-suq.

(31) Għalhekk il-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li meta ngħatat l-għajnuna, AFR kienet tinsab f'diffikultajiet finanzjarji serji li kienu jheddu s-sopravvivenza tagħha fit-terminu qasir jew medju u li ma kinitx f'pożizzjoni li tindirizza dawn id-diffikultajiet mingħajr l-għajnuna mill-awtoritajiet pubbliċi

(32) Għalhekk il-Kummissjoni tqis li, b'mod partikolari fid-dawl tar-riżultati finanzjarji murija f'punt 8, li AFR kienet impriża f'diffikultà skond it-tifsira ta' punt 10 u, fl-alternattiva, punt 11 tal-Linji Gwida meta ngħata l-avvanzi rimborsabbli. Minħabba d-diffikultajiet li kienet għaddejja minnhom AFR, il-Kummissjoni tqis li AFR ma kienetx f'pożizzjoni li tikseb il-fondi b'kundizzjonijiet daqshekk vantaġġużi fis-suq tal-kreditu. L-avvanzi kkonċernati għalhekk taw vantaġġ lil AFR billi ppermettulha li tikseb finanzi b'kundizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk li setgħet tikseb fis-suq tal-kreditu.

5.1.4. *L-impatt fuq il-kummerċ u l-kompetizzjoni*

(33) L-avvanzi rimborsabbli jagħtu vantaġġ lil AFR meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li jinsabu f'sitwazzjoni simili, minħabba li huma disponibbli għaliha biss.

(34) Is-settur tal-bini ta' materjal ferrovjarju fuq ir-roti huwa kkaratterizzat bil-preżenza ta' bosta operaturi Ewropej u minn kummerċ intrakomunitarju. Il-vantaġġ mogħti lil AFR huwa għalhekk suxxettibbli li jfixkel il-kompetizzjoni u l-iskambji bejn l-Istati Membri.

5.1.5. *Konklużjoni*

(35) Wara li kkunsidrat il-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni tqis li l-avvanzi rimborsabbli li ngħataw lil AFR huma Għajnuna mill-Istat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

### 5.2. **L-Ammont ta' l-għajnuna**

(36) Fil-każ ta' l-għajnuniet mogħtija taħt forma ta' krediti lil impriżi f'diffikultà, l-element ta' għajnuna huwa magħmul mid-differenza bejn l-interessi effettivament applikat u l-interess li bih l-impriża benefiċjarja setgħet tikseb l-istess kreditu fis-suq privat [6].

[6] Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Marzu 2005 fil-każ *Chemische Werke Piesteritz* (ĠU L 296, 12.11.2005, p. 19, il-punti 107-108) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-24 ta' Jannar 2007 fil-każ C 38/05 *Biria* (ĠU L 183, 13.7.2007, il-punti 27, 83 u ta' wara).

(37) Fl-avviż tagħha dwar il-metodu għall-istabbiliment tar-rati ta' referenza u attwalizzazzjoni ([5]), il-Kummissjoni tiddikjara li r-rata ta' referenza hija rata minima li tista' tiżdied f'sitwazzjonijiet li jinvolvu riskju partikolari (pereżempju, impriża f'diffikultà, jew f'każ fejn is-sigurtà normalment meħtieġa mill-banek m'hijiex ipprovduta), u tiddikjara li f'każijiet bħal dawn, il-premium jista' jkun ta' 400 punt ta' bażi jew iktar.

(38) Għalhekk, fil-każ *Chemische Werke Piesteritz* ([6]) il-Kummissjoni tqis li self lil impriża f'diffikultà jiġġustifika premium ta' interessi ta' 400 punt ta' bażi. Il-Kummissjoni tikkonferma din l-opinjoni fil-każ *Biria* ([7]) billi tispeċifika li r-riskju min-nuqqas ta' sigurtajiet jiġġustifika premium addizzjonali ta' 400 punt ta' bażi, jiġifieri total ta' 800 punt ta' bażi. Il-Kummissjoni tqis li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ huma simili ħafna għal dawk tal-każijiet imsemmija qabel, notevolment f'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' sigurtajiet u l-firxa tad-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom. Għalhekk, ir-riskji marbuta ma' l-avvanzi rimborsabbli mogħtija lil AFR jistgħu jiġu kkunsidrati bl-istess mod.

(39) L-Għajnuna mill-Istat li tikkonsisti f'avvanzi rimborsabbli hija magħmula mid-differenza bejn l-interessi effettivament dovut għat-termini ta' avvanzi rimborsabbli u l-interessi li għandhom ikunu dovuti fl-applikazzjoni ta' rati ta' referenza applikabbli meta ngħatat l-għajnuna, miżjuda b'800 punt ta' bażi.

### 5.3. **Kompatibbiltà ta' l-għajnuna mas-suq komuni**

(40) Minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ta' AFR meta ngħata l-għajnuna, kif indikat fil-punt 8 (li kienet qed taħdem b'telf għal bosta snin, b'kapital u riżervi negattivi, u bi dħul dejjem jonqos), il-Kummissjoni tqis li AFR kienet impriża f'diffikultà skond il-Linji Gwida meta ngħataw l-avvanzi rimborsabbli. Minħabba r-raġunijiet imsemmija fil-punti 22 u 23, il-kummenti ta' Franza ma jippermettux li ssir modifika ta' din l-analiżi.

(41) Huwa minnu li AFR, fl-2005, kienet parti mill-grupp ikkontrollat mill-kumpanija holdin Arbel SA. Minbarra s-sezzjoni ferrovjarja tagħha (magħmul minn AFR u Lormafer), il-grupp kien jikkonsisti f'sezzjoni "bini" li jgħaqqad flimkien impriżi speċjalizzati fil-bini ta' twieqi għall-industrija tal-bini. Madankollu, huwa evidenti mill-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi fil-korrispondenza qabel ma bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali li d-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom AFR kienu speċifiċi għaliha fi ħdan il-grupp, minħabba li l-attività tagħha ma kellha l-ebda konnessjoni mat-taqsima tal-bini. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li d-diffikultajiet ta' AFR dehru li kienu wisq kbar biex ikunu risolti mill-grupp, meta jitqisu r-riżultati medjokri ta' dan ta' l-aħħar. Għalhekk il-Kummissjoni tqis li l-punt 13 tal-linji gwida ma jipprovdix oġġezzjoni li AFR tkun meqjusa bħala eliġibbli għall-għajnuna għas-salvataġġ u r-ristrutturar, minkejja li tappartjeni għal grupp.

(42) Il-kumpatibbiltà ta' l-għajnuna għalhekk tiġi apprezzata fid-dawl tal-linji gwida.

(43) Il-Kummissjoni tiddikjara li l-kundizzjonijiet ta' kumpatibbiltà ta' l-għajnuna għar-ristrutturar stipulati fil-linji gwida m'humiex sodisfatti. Għalhekk il-Kummissjoni tenfasizza dan:

— l-awtoritajiet Franċiżi ma ppreżentawx pjan ta' ristrutturar konformi mal-punti 34 u 37 tal-linji gwida;

— il-Kummissjoni ma ġietx infurmata dwar il-miżuri ta' kumpens maħsuba biex jipprevjenu kwalunkwe distorsjoni eċċessiva tal-kompetizzjoni kkawżata mill-għajnuna (il-punti 38 sa 42 tal-linji gwida).

(44) L-għajnuna ma tidhirx li tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' kumpatibbiltà ta' l-għajnuna għall-irkupru stipulati fil-linji gwida, minħabba li l-avvanzi rimborsabbli ngħataw għal perjodu ta' iktar minn sitt xhur (ara l-punt 25 tal-linji gwida).

(45) Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma biżżejjed għall-konklużjoni li l-għajnuna m'hijiex kumpatibbli mas-suq komuni.

## 6. **KONKLUŻJONI**

Il-Kummissjoni sabet li Franza, b'mod illegali, implimentat l-għajnuna kkonċernata billi kisret l-Artikolu 88, il-paragrafu 3, tat-Trattat. Minħabba li l-għajnuna hija inkompatibbli mas-suq komuni, Franza għandha tieqaf minnufih u tirkupra l-ammonti li diġà ngħataw lill-benefiċjarji,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat li ngħatat minn Franza favur Arbel Fauvet Rail SA hija inkompatibbli mas-suq komuni.

*Artikolu 2*

1. Franza għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tirkupra mingħand il-benefiċjarju tagħha l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 u li diġà tpoġġiet għad-dispożizzjoni ta' tali benefiċjarju b'mod illegali.

---

([7]) Il-Każ C 38/05, imsemmi fin-nota nru 6 (ara l-punti 83 sa 86).

2. L-irkupru għandu jseħħ minnufih skond il-proċeduri tal-liġi nazzjonali, safejn dawn jippermettu l-eżekuzzjoni immedjata u effettiva ta' din id-deċiżjoni preżenti. L-għajnuna li għandha tiġi rkuprata tinkludi l-interessi mid-data li fiha tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju, sad-data ta' l-irkupru effettiv tagħhom

3. L-interessi għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi komposta skond il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004.

4. Franza għandha tikkanċella l-ħlas kollu ta' għajnuna pendenti kif imsemmi fl-Artikolu 1 b'effett mid-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. Franza għandha tiżgura li din id-Deċiżjoni tkun implimentata fi żmien erbà xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

2. Franza għandha tinforma lill-Kummissjoni f'terminu ta' xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, bil-miżuri ppjanati u diġà implimentati sabiex tikkonforma magħha, u partikolarment dawn l-elementi:

(a) l-ammont totali (prinċipal u interessi ta' l-irkupru) li għandhom jiġu rkuprati mingħand il-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex is-sitwazzjoni ssir konformi ma' din id-Deċiżjoni;

(ċ) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

3. Franza għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex tkun implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 1 tkun irkuprata. Hija tittrażmetti immedjatament, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, kull informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk previsti sabiex tikkonforma ma' din id-deċiżjoni, kif ukoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' l-għajnuna u l-interessi li diġà ġew irkuprati mingħand il-benefiċjarju.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmula fi Brussell, 2 ta' April 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Neelie KROES

*Membru tal-Kummissjoni*

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.